IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, XXX
[…](2021) XXX draft

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni tal-investimenti finanzjarji ta' riskju

MT MT

Werrej

1. Introduzzjoni 4

2. Il-kamp ta’ applikazzjoni tal-Linji Gwida u d-definizzjonijiet 10

2.1. Il-kamp ta’ applikazzjoni tal-Linji Gwida 10

2.2. Definizzjonijiet 13

3. Għajnuna għall-finanzjament ta’ riskju notifikabbli 16

4. Valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna għall-finanzjament ta’ riskju 17

4.1. L-ewwel kundizzjoni: l-għajnuna tiffaċilita l-iżvilupp ta’ attività ekonomika 19

4.1.1. L-identifikazzjoni tal-attività ekonomika appoġġata 19

4.1.2. L-effett ta’ inċentiv 19

4.2. It-tieni kundizzjoni: L-evitar ta’ effetti avversi fuq il-kundizzjonijiet tan-negozjar sa punt li jmur kontra l-interess komuni 20

4.2.1. Elementi bażiċi tal-valutazzjoni ex ante li għandhom jiġu sottomessi mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kummissjoni 21

4.2.2. Il-ħtieġa ta’ intervent mill-Istat 24

4.2.2.1. Miżuri mmirati lejn kategoriji ta’ impriżi barra mill-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa 24

(a) Kumpaniji żgħar b’kapitalizzazzjoni medja 25

(b) Impriżi innovattivi b’kapitalizzazzjoni medja 25

(c) Impriżi li jirċievu investiment ta’ finanzjament ta’ riskju inizjali waqt li jkunu ilhom joperaw fi kwalunkwe suq għal aktar minn għaxar snin wara r-reġistrazzjoni tagħhom 25

(d) Impriżi li jeħtieġu investiment ta’ finanzjament ta’ riskju ta’ ammont li jaqbeż il-limitu massimu stabbilit fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa 26

(e) Il-pjattaformi ta’ negozjar alternattivi li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa 26

4.2.2.2. Miżuri b’parametri ta’ tfassil mhux konformi mar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa 27

(a) L-istrumenti finanzjarji b’parteċipazzjoni ta’ investitur privat taħt il-proporzjonijiet previsti fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa 27

(b) Strumenti finanzjarji b’parametri ta’ tfassil finanzjarju ’l fuq mil-limiti massimi previsti fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa 28

(c) Strumenti finanzjarji minbarra garanziji fejn l-investituri, l-intermedjarji finanzjarji u l-maniġers tagħhom jintgħażlu billi tingħata preferenza lill-protezzjoni minn ċaqliq 'l isfel milli lill-kondiviżjoni asimmetrika tal-profitti 28

(d) Inċentivi fiskali għal investituri korporattivi inkluż intermedjarji finanzjarji jew il-maniġers tagħhom li jaġixxu bħala koinvestituri 29

4.2.3. L-adegwatezza tal-miżura ta’ għajnuna 29
4.2.3.1. L-adegwatezza meta mqabbla ma’ strumenti ta’ politika oħra u ma’ strumenti ta’ għajnuna oħra 29
4.2.3.2. Il-kundizzjonijiet għad-determinazzjoni tal-adegwatezza tal-istrumenti finanzjarji . 30
(a) L-investimenti ta’ ekwità 33
(b) Strumenti ta’ dejn iffinanzjati: self 33
(c) Strumenti ta’ dejn mhux iffinanzjati: garanziji 34
4.2.3.3. Il-kundizzjonijiet għad-determinazzjoni tal-adegwatezza tal-inċentivi fiskali 35
4.2.3.4. Il-kundizzjonijiet għal miżuri li jappoġġaw il-pjattaformi ta’ negozjar alternattivi .. 36
4.2.4. Proporzjonalità tal-għajnuna 36
4.2.4.1. Il-kundizzjonijiet għall-istrumenti finanzjarji 37
4.2.4.2. Il-kundizzjonijiet għall-inċentivi fiskali 39
4.2.4.3. Il-kundizzjonijiet għall-pjattaformi ta’ negozjar alternattivi 39
4.2.4.4. Kumulazzjoni 39
4.2.5. L-evitar ta’ effetti negattivi mhux dovuti tal-għajnuna għall-finanzjament ta’ riskju fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ 40
4.2.5.1. L-effetti pożittivi li għandhom jitqiesu 40
4.2.5.2. L-effetti negattivi li jridu jitqiesu 42
4.2.5.3. L-ibbilanċjar tal-effetti pożittivi kontra l-effetti negattivi tal-għajnuna 44
4.2.6. Trasparenza 44
5. Evalwazzjoni 45
6. Dispożizzjonijiet finali 47
6.1. Id-data tal-applikabbiltà 47
6.2. Miżuri xierqa 47
6.3. Rapportar u monitoraġġ 48
6.4. Reviżjoni 48

1. INTRODUZZJONI

1. Abbażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra bħala kompatibbli mas-suq intern l-għajnuna mill-Istat maħsuba biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi, fejn tali għajnuna ma taffettwax ħażin il-kundizzjonijiet kummerċjali b'tali mod li jmur kontra l-interess komuni. Il-Kummissjoni storikament irrikonoxxiet l-importanza li s-suq tal-finanzjament ta' riskju għandu għall-ekonomiji tal-Istati Membri u l-ħtieġa li jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament ta' riskju għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs"), għad-ditti żgħar b'kapitalizzazzjoni medja ("kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja") u għal kumpaniji innovattivi b'kapitalizzazzjoni medja[1], u l-ħtieġa sussegwenti li jkun hemm sett ta' linji gwida biex jiġi żgurat approċċ konsistenti fil-valutazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna għall-finanzjament ta' riskju. B'dan f'moħħha, il-Kummissjoni adottat il-Linji Gwida dwar il-Kapital ta' Riskju tal-2006[2] li sussegwentement ġew sostitwiti mil-Linji Gwida dwar il-Finanzjament ta' Riskju tal-2014[3] bħala parti mill-pakkett dwar il-Modernizzazzjoni tal-Għajnuna mill-Istat[4]. Il-Linji Gwida dwar il-Finanzjament ta' Riskju tal-2014 se jiskadu fl-aħħar tal-2021 u għar-raġunijiet stabbiliti hawn taħt, il-Kummissjoni tqis li l-Istati Membri jistgħu jkomplu jħossu l-ħtieġa li jipprovdu għajnuna għall-finanzjament ta' riskju. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-gwida dwar kif jiġi appoġġat il-finanzjament ta' riskju f'konformità sħiħa mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tibqa' meħtieġa.

2. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li l-SMEs għadhom jaqdu rwol kruċjali fl-ekonomiji tal-Istati Membri, kemm f'termini ta' impjiegi kif ukoll f'termini ta' dinamiżmu u tkabbir ekonomiku, u għalhekk huma wkoll ċentrali għall-iżvilupp ekonomiku tal-Unjoni kollha kemm hi. F'dan ir-rigward, kif rikonoxxut fl-Istrateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali[5], il-25 miljun SME tal-Unjoni jimpjegaw madwar 100 miljun persuna, li jammontaw għal aktar minn nofs il-prodott domestiku gross (PDG) tal-Unjoni u għandhom rwol ewlieni fiż-żieda tal-valur f'kull settur tal-ekonomija. Dawn iġibu soluzzjonijiet innovattivi biex jindirizzaw sfidi bħat-tibdil fil-klima, l-użu ineffiċjenti tar-riżorsi u t-telf tal-koeżjoni soċjali, u jgħinu

---

1 Id-definizzjonijiet eżatti tal-SMEs, l-impriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja u l-impriżi innovattivi b'kapitalizzazzjoni medja għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida huma stabbiliti fit-Taqsima 2.2, fil-paragrafu 30.

2 Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni ta' investimenti tal-kapital ta' riskju f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (ĠU C 194, 18.8.2006, p. 2).

3 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat biex tippromwovi investimenti ta' finanzjament ta' riskju (ĠU C 19, 22.1.2014, p. 4).

4 Bejn l-2012 u l-2014, il-Kummissjoni wettqet programm ambizzjuż ta' modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat ibbażat fuq tliet objettivi ewlenin (għal aktar dettalji ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Modernizzazzjoni tal-Għajnuna mill-Istat tal-UE (SAM), COM/2012/209 final):
  (a) it-trawwim ta' tkabbir sostenibbli, intelliġenti u inklużiv f'suq intern kompetittiv;
  (b) l-iffukar tal-iskrutinju *ex ante* tal-Kummissjoni fuq il-każijiet bl-akbar impatt fuq is-suq intern, filwaqt li tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Istati Membri fl-infurzar tal-għajnuna mill-Istat; u
  (c) is-simplifikazzjoni tar-regoli biex jiġi żgurat proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet aktar rapidu.

5 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali", COM/2020/103 final.

fit-tixrid tal-innovazzjoni. Iżda, biex ikunu jistgħu ikbru u jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tagħhom, l-SMEs għandhom bżonn il-finanzjament. Għalhekk, suq ta' finanzjament ta' riskju effiċjenti għall-SMEs huwa kruċjali biex il-kumpaniji intraprenditorjali jkun jista' jkollhom aċċess għall-finanzjament meħtieġ f'kull stadju tal-iżvilupp tagħhom.

3. Minkejja l-prospetti ta' tkabbir tagħhom, l-SMEs spiss jiffaċċaw diffikultajiet sabiex jiksbu aċċess għall-finanzi, b'mod partikolari fl-istadji bikrin tal-iżvilupp tagħhom[6]. Fil-qalba ta' dawn id-diffikultajiet hemm problema ta' *informazzjoni asimmetrika*: l-SMEs, speċjalment meta jkunu għadhom jibdew, sikwit ma jkunux jistgħu juru l-affidabbiltà kreditizja tagħhom jew is-sodezza tal-pjanijiet ta' direzzjoni tan-negozju tagħhom lill-investituri. F'tali ċirkostanzi, it-tip ta' skrinjar attiv u r-riċerka li jsiru mill-investituri sabiex jipprovdu finanzjament lil kumpaniji akbar jistgħu ma jkunux ta' valur fil-każ ta' tranżazzjonijiet li jinvolvu l-SMEs għax il-kostijiet tal-iskrinjar ikunu għaljin wisq meta mqabbla mal-valur tal-investiment. Għalhekk, irrispettivament mill-kwalità tal-proġett u mill-potenzjal tat-tkabbir tagħhom, l-SMEs x'aktarx li ma jkunux jistgħu jaċċessaw il-finanzjament meħtieġ sakemm ma jkollhomx rekord mixhud bi prova u biżżejjed kollateral. Dik il-problema tista' tkun partikolarment qawwija fir-rigward tal-investimenti f'teknoloġiji ekoloġiċi jew diġitali innovattivi jew f'innovazzjonijiet soċjali xprunati minn intraprendituri soċjali[7]. Bħala riżultat ta' din l-informazzjoni assimmetrika, is-swieq ta' finanzjament għan-negozju jistgħu jonqsu milli jipprovdu l-ekwità jew il-finanzjament b'dejn meħtiġin għal SMEs ġodda u dawk b'potenzjal ta' tkabbir għoli u dan jirriżulta f'falliment persistenti tas-suq kapitali li jipprevjeni l-provvista milli tissodisfa d-domanda bi prezz aċċettabbli għaż-żewġ naħat, li jaffettwa b'mod negattiv il-prospetti ta' tkabbir tal-SMEs. F'ċerti ċirkostanzi, l-impriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja u l-impriżi innovattivi b'kapitalizzazzjoni medja jiffaċċjaw l-istess falliment tas-suq.

4. Il-konsegwenzi ta' kumpanija li ma tirċevix finanzjament jistgħu jmorru lil hinn minn dik l-entità individwali, b'mod partikolari minħabba l-*esternalitajiet tat-tkabbir*. Ħafna setturi ta' suċċess jixhdu tkabbir tal-produttività mhux minħabba li l-kumpaniji preżenti fis-suq iżidu fil-produttività, iżda minħabba li l-kumpaniji aktar effiċjenti u teknoloġikament avvanzati jikbru għad-detriment ta' dawk inqas effiċjenti (jew dawk bi prodotti obsoleti). Jekk dak il-proċess jiġi mfixkel mill-fatt li kumpaniji li potenzjalment jistgħu jirnexxu ma jkunux jistgħu jiksbu finanzjament, il-konsegwenzi usa' għat-tkabbir tal-produttività x'aktarx li jkunu negattivi. Il-possibbiltà li firxa usa ta' kumpaniji jidħlu fis-suq tista' mbagħad tixpruna t-tkabbir.

5. Għalhekk, l-eżistenza ta' diskrepanza fil-finanzjament li taffettwa l-SMEs, l-impriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja u l-impriżi innovattivi b'kapitalizzazzjoni medja tista' tiġġustifika l-użu ta' miżuri ta' appoġġ pubbliku mill-Istati Membri sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' finanzjament ta' riskju fis-swieq domestiċi tagħhom. Jekk tiġi mmirata kif suppost, l-għajnuna mill-Istat biex issostni l-provvista ta' finanzjament

---

6 Ara 'Evaluation support study on the EU rules on State aid for access to finance for SMEs', Unjoni Ewropea (2020), disponibbli: https://ec.europa.eu/competition/state_aid/modernisation/risk_finance_study.zip

7 Tali innovazzjonijiet jinkludu pereżempju t-tibdil tal-prattiki soċjali b'appoġġ għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi jew diġitali, jew li l-karrieri fl-ICT isiru aktar aċċessibbli għan-nisa.

ta' riskju tista' tkun mezz effettiv biex ittaffi l-falliment tas-suq identifikat jew ostaklu rilevanti ieħor fl-aċċess għal finanzjament u biex tingrana l-kapital privat. Fil-kuntest attwali, l-Istati Membri jistgħu wkoll jagħmlu użu minnha biex irawmu l-irkupru mill-kriżi ekonomika kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19.

6. Minbarra li huwa indispensabbli għall-ekonomiji domestiċi tal-Istati Membri, aċċess imtejjeb għall-finanzjament jista' jikkontribwixxi b'mod pożittiv għal xi wħud mill-objettivi ta' politika ċentrali tal-Unjoni. L-aċċess għall-finanzjament jikkostitwixxi tabilħaqq għodda b'saħħitha biex jiġu appoġġati l-istrateġiji ekoloġiċi[8] u diġitali[9] tal-Unjoni u biex tiġi indirizzata l-prijorità ewlenija attwali tal-Unjoni: li jiġi żgurat l-irkupru mill-kriżi ekonomika kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19.

7. It-tranżizzjoni ekoloġika hija objettiv ewlieni tal-Unjoni. Skont il-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, biex jintlaħqu l-miri attwali klimatiċi u tal-enerġija għall-2030, se jkunu meħtieġa madwar EUR 260 biljun f'investiment annwali addizzjonali, sfida li għaliha se jkunu kruċjali l-ingranaġġ ta' investiment privat sinifikanti. Il-promozzjoni ta' finanzjament sostenibbli tirrikjedi li jiġu pprovduti s-sinjali x-xierqa biex il-flussi finanzjarji u kapitali jiġu diretti lejn l-investiment ekoloġiku. Għal dak il-għan, fl-2018, il-Kummissjoni nediet il-Pjan ta' Finanzjament Sostenibbli[10], li ġie segwit reċentement minn Pakkett ta' Finanzjament Sostenibbli ġdid[11]. Element ewlieni wieħed għall-promozzjoni tal-finanzjament ekoloġiku huwa t-titjib tad-divulgazzjoni dwar id-*data* klimatika u ambjentali sabiex l-investituri jkunu infurmati bis-sħiħ dwar is-sostenibbiltà tal-investimenti tagħhom. F'dak il-kuntest, pass ewlieni kien l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12], li jikklassifika l-attivitajiet ambjentalment sostenibbli (komunement imsejjaħ it-Tassonomija tal-UE).

8. Fir-rigward tat-tranżizzjoni diġitali, il-Komunikazzjoni tal-2030 dwar il-Kumpass Diġitali[13] tenfasizza l-ħtieġa li jitrawwem l-iżvilupp tal-Unjoni ta' teknoloġiji diġitali kritiċi b'mod li jrawwem it-tkabbir tal-produttività u l-iżvilupp ekonomiku tagħha b'koerenza sħiħa mal-valuri u l-objettivi tas-soċjetà tagħha. L-infiq nazzjonali mill-Istati Membri, flimkien ma' fondi rilevanti tal-Unjoni u investimenti privati, huwa kruċjali biex jippermetti żieda enormi fl-investimenti sabiex jintlaħaq dan l-objettiv.

---

8 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", COM/2019/640 final.

9 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa", COM/2020/67 final.

10 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Pjan ta' Azzjoni: Il-Finanzjament tat-Tkabbir Sostenibbli", COM/2018/097 final.

11 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "It-Tassonomija tal-UE, ir-Rappurtar dwar is-Sostenibbiltà Korporattiva, il-Preferenzi dwar is-Sostenibbiltà u d-Dazji Fiduċjarji: Nidderieġu l-Finanzi lejn il-Patt Ekoloġiku Ewropew", COM/2021/188 final.

12 Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

13 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: "Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali", COM/2021/118 final.

9. Fir-rigward tal-kriżi kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19, l-irkupru jista' jitqies ukoll bħala l-aktar prijorità urġenti tal-Unjoni, li trid tkun konsistenti mal-objettivi ekoloġiċi u diġitali. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ("RRF")[14] hija l-ewwel u l-aktar parti importanti tal-Pakkett ta' Rkupru tal-UE adottat b'reazzjoni għall-kriżi, li tagħmel disponibbli, malli jiġu approvati l-abbozzi tal-pjanijiet tal-Istati Membri għall-irkupru u r-reżiljenza, EUR 672,5 biljun f'self u f'għotjiet f'appoġġ finanzjarju għall-ewwel snin kruċjali tal-irkupru tagħhom,. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni identifikat oqsma ewlenin[15] li hija tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinkludu fil-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, minħabba r-rilevanza tagħhom fl-Istati Membri kollha, l-investimenti kbar ħafna meħtieġa, u l-potenzjal tagħhom li joħolqu l-impjiegi u t-tkabbir u li jgawdu l-benefiċċji mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

10. Minħabba l-importanza ta' aċċess effettiv għall-finanzjament għall-objettivi ewlenin tal-Unjoni, hemm rekord twil ta' politiki tal-Unjoni mmirati lejn it-titjib ta' dan, bħall-Unjoni tas-Swieq Kapitali ("CMU") u l-użu tal-baġit tal-Unjoni.

11. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni adottat l-ewwel pjan ta' azzjoni tas-CMU[16] fl-2015 sabiex timmobilizza l-kapital fl-Unjoni u twasslu lill-kumpaniji kollha. Wieħed mill-objettivi ewlenin tiegħu kien li jittejjeb l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament, b'mod partikolari għall-finanzjament mhux bankarju. Minn dak iż-żmien, l-Unjoni għamlet progress sinifikanti, billi wettqet il-biċċa l-kbira tal-azzjonijiet individwali mħabbra fil-pjan ta' azzjoni tas-CMU tal-2015 u fir-rieżami ta' nofs it-terminu tagħha tal-2017. Ħafna minn dawk l-azzjonijiet kellhom l-għan li jtejbu l-aċċess għall-finanzjament għall-impriżi kollha irrispettivament mid-daqs jew mill-età, iżda xi wħud minnhom kienu mmirati l-aktar lejn li jiffaċilitaw l-aċċess għas-swieq kapitali speċifikament għall-SMEs u l-impriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja[17]. Fl-2020

---

14 Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

15 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment "L-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli tal-2021", COM/2020/575 final identifikat seba' oqsma ewlenin: impuls ġdid – Il-forniment minn qabel ta' teknoloġiji nodfa u validi għall-futur u l-aċċellerazzjoni tal-iżvilupp u l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli-; rinnovazzjoni – It-titjib tal-effiċjenza enerġetika ta' bini pubbliku u privat-; l-iċċarġjar u l-forniment tal-fjuwil – Il-promozzjoni ta' teknoloġiji nodfa u validi għall-futur biex jiġi aċċellerat l-użu ta' stazzjonijiet tat-trasport, tal-iċċarġjar u tal-fjuwil sostenibbli, aċċessibbli u intelliġenti u l-estensjoni tat-trasport pubbliku-; konnessjoni – l-introduzzjoni rapida tas-servizzi tal-broadband rapidu għar-reġjuni u għall-unitajiet domestiċi kollha, inklużi n-networks tal-fibra u tal-5G-; modernizzazzjoni – id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni u s-servizzi pubbliċi, inklużi s-sistemi ġudizzjarji u tal-kura tas-saħħa-; espansjoni – iż-żieda fil-kapaċitajiet tal-cloud tad-*data* industrijali Ewropea u l-iżvilupp tal-aktar proċessuri b'saħħithom, avvanzati u sostenibbli-; taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet – l-adattament tas-sistemi edukattivi biex jappoġġaw il-ħiliet diġitali u t-taħriġ edukattiv u vokazzjonali għall-etajiet kollha-.

16 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Pjan ta' Azzjoni għall-Bini ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali", COM/2015/0468 final.

17 Ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 1); Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12); Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva

tnieda pjan ta' azzjoni tas-CMU ġdid[18] biex titkompla s-CMU tal-Unjoni fis-snin li ġejjin sabiex ikomplu jiġu żviluppati s-swieq kapitali u biex jiġi żgurat l-aċċess għall-finanzjament mis-suq, b'mod partikolari għan-negozji żgħar u ta' daqs medju. F'dan il-kuntest, f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/2115[19], il-Kummissjoni stabbiliet ukoll Grupp Tekniku ta' Esperti tal-Partijiet ikkonċernati dwar l-SMEs li ngħata l-mandat li jivvaluta l-ostakli għall-SMEs li jisfruttaw is-swieq pubbliċi.

12. F'konformità mal-importanza li jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs, il-Kummissjoni tikkomplementa l-leġiżlazzjoni u l-azzjonijiet ta' politika tal-Unjoni mal-baġit tal-Unjoni, bil-għan li jiġu indirizzati l-fallimenti strutturali tas-suq li jillimitaw it-tkabbir tal-SMEs. Għal dan il-għan, l-użu ta' strumenti finanzjarji[20] ġie mtejjeb taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ("QFP") tal-2014-2020. B'mod partikolari, il-programmi ta' finanzjament tal-Unjoni stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju" ("COSME")) u[21] r-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22] ("Orizzont 2020") ikkontribwew għat-titjib tal-użu tar-riżorsi pubbliċi permezz ta' mekkaniżmi ta' finanzjament tal-kondiviżjoni tar-riskji għall-benefiċċju tal-SMEs fil-fażijiet tal-bidu, tat-tkabbir u tat-trasferiment tagħhom, kif ukoll ta' impriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja u ta' impriżi innovattivi b'kapitalizzazzjoni medja, b'enfasi partikolari fuq azzjonijiet imfassla biex jipprovdu appoġġ mingħajr xkiel mill-innovazzjoni sas-suq, inkluż l-implimentazzjoni kummerċjali tar-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp ("R&Ż")[23]. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni ("EIC") diġà appoġġa n-negozji ġodda u l-SMEs mill-2018, taħt il-programm Orizzont 2020 u se jkompli jagħmel

2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE, (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349) fir-rigward tal-iżvilupp tas-Swieq tat-Tkabbir tal-SMEs; Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

18 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-persuni u n-negozji - pjan ta' azzjoni ġdid", COM/2020/590 final.

19 L-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2019/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 li jemenda d-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolamenti (UE) Nru 596/2014 u (UE) 2017/1129 fir-rigward tal-promozzjoni tal-użu ta' swieq tat-tkabbir tal-SMEs (ĠU L 320, 11.12.2019, p. 1).

20 L-istrumenti finanzjarji jkopru strumenti finanzjarji li ma jinvolvux għotja, li jistgħu jieħdu l-forma ta' strumenti ta' dejn (self, garanziji) jew strumenti ta' ekwità (ekwità pura, investimenti ta' kważi-ekwità jew strumenti oħrajn tal-kondiviżjoni tar-riskju).

21 Ir-Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME) (2014 – 2020) u jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE, (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 33).

22 Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014 – 2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

23 Barra minn hekk, biex jingħata aċċess aħjar għall-finanzjament ta' self, inħoloq Strument għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSI) speċifiku b'mod konġunt mill-Kummissjoni, il-Fond Ewropew tal-Investiment u l-Bank Ewropew tal-Investiment, taħt is-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka (FP7). Ara http://www.eif.org/what_we_do/guarantees/RSI/index.htm. L-RSI jipprovdi garanziji parzjali lill-intermedjarji finanzjarji permezz ta' mekkaniżmu ta' kondiviżjoni tar-riskji, sabiex b'hekk inaqqas ir-riskji finanzjarji tagħhom u jħeġġiġhom jipprovdu self lill-SMEs li jwettqu attivitajiet ta' riċerka u żvilupp jew ta' innovazzjoni.

dan, ukoll għal impriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, taħt il-programm ta' finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni Orizzont Ewropea[24], bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni tas-suq tal-kapital ta' riskju tal-Unjoni. It-tnedija tal-Azzjoni ta' Espansjoni Ewropea għall-Kapital ta' Riskju ("ESCALAR")[25], bħala programm pilota mill-Kummissjoni u mill-Fond Ewropew tal-Investiment ("FEI"), kif ukoll il-ħidma fuq il-ħolqien ta' fond privat-pubbliku[26] biex jgħin fil-finanzjament ta' offerti pubbliċi inizjali tal-SMEs, tiżvela l-importanza mogħtija lill-iffaċilitar tat-tkabbir tal-SMEs kif ukoll il-ħtieġa li tkompli titlesta l-firxa ta' miżuri ta' appoġġ pubbliku eżistenti fl-istadji kollha ta' finanzjament. Finalment, il-Programm il-ġdid InvestEU[27] li se jiġbor flimkien 14-il strument finanzjarju differenti attwalment disponibbli biex jappoġġaw l-investiment fl-UE, kif ukoll fondi kkontribwiti minn ġestjoni kondiviża għall-kompartiment tal-Istati Membri, għandu tieqa speċifika ddedikata għall-finanzjament tan-negozji ż-żgħar filwaqt li t-tliet twieqi l-oħrajn ta' InvestEU jistgħu jiffinanzjaw ukoll lill-SMEs fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.

13. Kemm l-esperjenza tal-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju (skont il-Linji Gwida dwar il-Finanzjament ta' Riskju tal-2014 kif ukoll ir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa[28]), u l-inizjattivi msemmija hawn fuq fil-livell tal-Unjoni mmirati lejn it-titjib tal-aċċess għall-finanzjament, juru li l-aċċess għall-finanzjament għadu prijorità kemm għall-Unjoni kif ukoll għall-Istati Membri tagħha. F'dan l-isfond, huwa għalhekk kruċjali li l-Kummissjoni tkompli tipprovdi gwida lill-Istati Membri dwar kif se tivvaluta l-kompatibbiltà tal-miżuri ta' finanzjament ta' riskju mas-suq intern. Dan huwa muri wkoll mill-evalwazzjoni li saret tal-Linji Gwida dwar il-Finanzjament ta' Riskju tal-2014 fl-2019 u fl-2020: l-hekk imsejjaħ Kontroll tal-Idoneità[29]. Ir-riżultati tal-Kontroll tal-Idoneità juru li bħala regola, il-Linji Gwida dwar il-Finanzjament ta' Riskju għadhom rilevanti u xierqa għall-iskop tagħhom. Madankollu, aktar kjarifika u simplifikazzjoni tar-regoli

[24] [Aġġornament tar-referenza] Ir-Regolament (UE) Nru [nn] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u t-tixrid (ĠU L [nn], [nn.nn.]2021, p. [nn]).

[25] L-Azzjoni ta' Espansjoni Ewropea għall-Kapital ta' Riskju (ESCALAR) hija programm pilota mnedija mill-Kummissjoni Ewropea u ġestita mill-FEI, bl-użu tar-riżorsi tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa biex jiġi indirizzat id-distakk fil-finanzjament esperjenzat minn kumpaniji Ewropej b'rata għolja ta' tkabbir (negozji li qed jespandu). ESCALAR tnediet fl-4 ta' April 2020 u hija maħsuba biex iżżid b'mod sostanzjali r-riżorsi tal-fondi, u b'hekk tippermetti tickets ta' investiment akbar u toħloq kapaċità akbar għall-investimenti fin-negozji li qed jespandu.

[26] Il-President Von der Leyen ħabbret il-ħolqien ta' fond privat-pubbliku li jispeċjalizza fl-IPOs tal-SMEs bil-għan li jipprovdi appoġġ pubbliku fil-forma ta' finanzjament biex jiffaċilita l-aċċess ta' SMEs b'potenzjal għoli għas-swieq pubbliċi.

[27] Ir-Regolament (UE) Nru 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi il-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2015/1017 (ĠU L 107, 26.03.2021, p. 30). Dan għandu l-għan li jħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-investituri pubbliċi u privati f'operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment billi jipprovdi garanziji mill-baġit tal-UE biex jiġu indirizzati l-fallimenti u s-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali. Dan jibni fuq is-suċċess tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) li tnieda fl-2015 biex inaqqas id-diskrepanza fl-investiment fl-Unjoni wara l-kriżi finanzjarja u ekonomika.

[28] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.06.2014).

[29] Online disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/competition/state_aid/modernization/fitness_check_en.html

dehru meħtieġa. Il-Linji Gwida riveduti dwar il-Finanzjament ta' Rriskju se jiffaċilitaw l-użu ta' għajnuna mill-Istat għall-finanzjament ta' riskju mmirata b'mod adegwat mill-Istati Membri, filwaqt li jqisu kif xieraq il-kontribut pożittiv ta' tali għajnuna għall-prijoritajiet tal-Kummissjoni deskritti hawn fuq, minbarra l-effetti pożittivi tal-għajnuna fl-iżgurar tal-aċċess għall-finanzjament.

14. Fl-2016, sentejn wara l-adozzjoni tal-Linji Gwida dwar il-Finanzjament ta' Riskju, il-Kummissjoni adottat l-Avviż dwar il-Kunċett ta' Għajnuna (NoA)[30], bħala parti mill-pakkett dwar il-Modernizzazzjoni tal-Għajnuna mill-Istat. Fin-NoA, il-Kummissjoni ċċarat il-fehim tagħha dwar kif il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat stabbilit fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat jenħtieġ li jiġi interpretat, inkluż dwar meta miżura ta' appoġġ pubbliku ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat minħabba li titwettaq taħt kundizzjonijiet normali tas-suq. Il-gwida pprovduta fin-NoA għal dak il-għan, b'mod partikolari fit-Taqsima 4.2 tagħha tippermetti t-tneħħija tat-Taqsima 2.1 "*It-test tal-operatur f'ekonomija tas-suq*" tal-Linji Gwida dwar il-Finanzjament ta' Riskju tal-2014. B'riżultat ta' dan, il-Linji Gwida riveduti ma jindirizzawx il-problema ta' jekk miżura ta' appoġġ pubbliku tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat jew le, iżda jiffokaw fuq il-kundizzjonijiet li taħthom miżura ta' għajnuna mill-Istat tista' tinstab kompatibbli mas-suq intern.

15. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħmel ċerti bidliet fil-Linji Gwida dwar il-Finanzjament ta' Riskju, biex tiċċara r-regoli u twassal simplifikazzjoni amministrattiva sabiex jiġi ffaċilitat l-użu ta' għajnuna mill-Istat b'appoġġ għall-finanzjament ta' riskju.

2. IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-LINJI GWIDA U D-DEFINIZZJONIJIET

2.1. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Linji Gwida

16. Il-Kummissjoni se tapplika l-prinċipji stipulati f'dawn il-Linji Gwida għall-miżuri ta' finanzjament ta' riskju li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa. L-Istat Membru kkonċernat irid jinnotifika dawk il-miżuri f'konformità mal-Artikolu 108(3) tat-Trattat u l-Kummissjoni se twettaq valutazzjoni tal-kompatibbiltà sostantiva kif stabbilit fit-Taqsima 4 ta' dawn il-Linji Gwida.

17. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu wkoll li jfasslu miżuri ta' finanzjament ta' riskju b'tali mod li l-miżuri ma jinvolvux għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat, pereżempju għax jikkonformaw mat-test tal-operatur tal-ekonomija tas-suq jew għax jissodisfaw il-kundizzjonijiet tar-Regolament *de minimis* applikabbli[31]. Tali każijiet ma għandhomx għalfejn jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni.

---

[30] Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 262, 19.7.2016, p. 1).

[31] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 1); Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 tat-18 ta' Dċiembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* fis-settur tal-agrikoltura (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 9); Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-

18. Dawn il-Linji Gwida ma jindirizzawx il-kompatibbiltà mas-suq intern tal-miżuri ta' għajnuna mill-Istat li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti f'linji gwida, f'oqfsa jew f'regolamenti oħrajn dwar l-għajnuna mill-Istat. Il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari għall-ħtieġa li jiġi pprevenut l-użu ta' dawn il-Linji Gwida biex jiġu segwiti objettivi ta' politika li huma prinċipalment indirizzati minn oqfsa, linji gwida u regolamenti oħrajn dwar l-għajnuna mill-Istat.

19. Dawn il-Linji Gwida huma mingħajr preġudizzju għal tipi oħrajn ta' strumenti finanzjarji għajr dawk koperti hawnhekk, bħalma huma strumenti li jipprevedu t-titolizzazzjoni tas-self eżistenti, li l-valutazzjoni tagħhom se titwettaq skont ir-regoli legali rilevanti tal-għajnuna mill-Istat.

20. Il-Kummissjoni se tapplika l-prinċipji stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida għall-iskemi ta' finanzjament ta' riskju biss. Dawn ma humiex se jiġu applikati fir-rigward ta' miżuri *ad hoc* li jipprovdu għajnuna għall-finanzjament ta' riskju lill-impriżi individwali, ħlief fil-każ ta' miżuri li għandhom l-għan li jappoġġaw pjattaforma ta' negozjar alternattiva speċifika.

21. Huwa importanti li jiġi mfakkar li l-miżuri ta' għajnuna għall-finanzjament ta' riskju għandhom jintużaw pemezz ta' intermedjarji finanzjarji jew permezz ta' pjattaformi ta' negozjar alternattivi, għajr għall-inċentivi fiskali fuq investimenti diretti fl-impriżi eliġibbli. Għalhekk, miżura li biha l-Istat Membru jew entità pubblika tagħmel investimenti diretti f'kumpaniji mingħajr l-involviment ta' tali mezzi intermedjarji ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat għall-finanzjament ta' riskju tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa u ta' dawn il-Linji Gwida.

22. Fid-dawl tar-rekord aktar stabbilit tagħhom u l-kollateralizzazzjoni ogħla, il-Kummissjoni tqis li bħala regola, l-intrapriżi l-kbar ma jiffaċċjawx diffikultajiet komparabbli fl-aċċess għall-finanzjament bl-istess mod li jagħmlu l-SMEs u għalhekk ma jistgħux jibbenefikaw minn għajnuna għall-finanzjament ta' riskju skont dawn il-Linji Gwida. B'mod eċċezzjonali, miżura ta' finanzjament ta' riskju favur impriżi kbar tista' tiġi ddikjarata kompatibbli skont dawn il-Linji Gwida meta tkun immirata lejn impriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, f'konformità mat-Taqsima 4.2.2.1, il-punt (a), jew impriżi innovattivi b'kapitalizzazzjoni medja li jwettqu proġetti ta' riċerka u żvilupp ("R&Ż) u ta' innovazzjoni f'konformità mat-Taqsima 4.2.2.1, il-punt (b).

23. Il-kumpaniji elenkati fil-lista uffiċjali ta' suq regolat ma jistgħux jiġu appoġġati permezz ta' għajnuna għall-finanzjament ta' riskju skont dawn il-Linji Gwida, peress li l-fatt li huma elenkati f'suq regolat juri l-kapaċità tagħhom li jattiraw finanzjament privat.

24. Miżuri ta' għajnuna għall-finanzjament ta' riskju mingħajr parteċipazzjoni minn investituri privati mhumiex se jiġu ddikjarati kompatibbli skont dawn il-Linji Gwida. F'tali każijiet, l-Istat Membru jenħtieġ li jikkunsidra għażliet ta' politika alternattivi li jistgħu jkunu aktar xierqa biex jintlaħqu l-istess objettivi u riżultati, bħal għajnuna

---

Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 190, 28.6.2014, p. 45).

għall-investiment reġjonali jew għajnuna tal-bidu permessa taħt ir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa.

25. Il-miżuri ta' għajnuna għall-finanzjament ta' riskju fejn ma jittieħed l-ebda riskju apprezzabbli minn investituri privati, u/jew fejn il-benefiċċji jmorru kollha għand l-investituri privati, mhumiex se jiġu ddikjarati bħala kompatibbli skont dawn il-Linji Gwida. Il-kondiviżjoni tar-riskji u l-gwadanji hija kundizzjoni meħtieġa skont dawn il-Linji Gwida biex tiġi limitata l-iskopertura finanzjarja, u biex jiġi żgurat redditu ġust, lill-Istat.

26. Mingħajr preġudizzju għall-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju fil-forma ta' kapital ta' sostituzzjoni kif definit mir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, l-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju skont dawn il-Linji Gwida ma tistax tintuża biex tappoġġa l-akkwiżizzjonijiet.

27. L-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju mhijiex se tiġi kkunsidrata bħala kompatibbli mas-suq intern skont dawn il-Linji Gwida jekk tingħata lil:

(a) impriżi f'diffikultà, kif definiti mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà[32]. Madankollu, għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, l-SMEs li ilhom joperaw fi kwalunkwe suq għal inqas minn għaxar snin wara r-reġistrazzjoni tagħhom[33] li jikkwalifikaw għal investimenti ta' finanzjament ta' riskju wara d-diliġenza dovuta mill-intermedjarju finanzjarj magħżul ma humiex se jiġu kkunsidrati bħala impriżi f'diffikultà, sakemm dawn ma jkunux soġġetti għal proċedimenti ta' insolvenza jew jissodisfaw il-kriterji skont il-liġi domestika tagħhom biex jitqiegħdu fi proċedimenti ta' insolvenza kollettivi fuq talba tal-kredituri tagħhom;

(b) impriżi li rċevew għajnuna illegali mill-Istat li ma ġietx irkuprata kollha.

28. Il-Kummissjoni mhijiex se tapplika dawn il-Linji Gwida għal għajnuna għal attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri, jiġifieri għajnuna marbuta direttament mal-kwantitajiet esportati, l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' network ta' distribuzzjoni jew kostijiet oħra attwali marbuta mal-attività tal-esportazzjoni, kif ukoll għajnuna konnessa mal-użu ta' prodotti domestiċi bi preferenza għal dawk importati.

29. Il-miżuri ta' finanzjament ta' riskju ta' spiss jinvolvu kostruzzjonijiet kumplessi li joħolqu inċentivi għal sett wieħed ta' operaturi ekonomiċi (investituri) sabiex jipprovdu finanzjament ta' riskju lil sett ieħor ta' operaturi (impriżi eliġibbli). Skont it-tfassil tal-miżuri, kif ukoll jekk l-intenzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi tista' tkun li jipprovdu benefiċċji lit-tieni grupp biss, l-impriżi f'wieħed mil-livelli jew fit-tnejn li huma jistgħu jibbenifikaw minn għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, il-miżuri ta'

[32] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà (ĠU C 249, 31.7.2014, p.1.).

[33] Sakemm ma jkunux ħadu f'idejhom l-attivitajiet ta' intrapriża oħra jew ikunu ġew ifformati permezz ta' fużjoni; f'liema każ il-perjodu ta' għaxar snin jinkludi wkoll l-operazzjonijiet ta' dik l-intrapriża jew tal-kumpaniji fużi. Għal impriżi eliġibbli li ma humiex soġġetti għal reġistrazzjoni, il-perjodu ta' eliġibbiltà ta' għaxar snin jista' jitqies li jibda minn liema wieħed jiġi l-ewwel minn (i) il-mument meta l-intrapriża jew tibda l-attività ekonomika tagħha jew (ii) il-mument meta tiġi soġġetta għat-taxxa fir-rigward tal-attività ekonomika tagħha.

finanzjament ta' riskju normalment jinvolvu intermedjarju finanzjarju wieħed jew aktar li jista' jkollhom status li jkun separat minn dak tal-investituri u tal-benefiċjarji finali fejn isiru l-investimenti. F'tali każijiet huwa meħtieġ ukoll li jiġi kkunsidrat jekk l-intermedjarju finanzjarju jistax jitqies li jibbenefika minn għajnuna mill-Istat. Kwalunkwe għajnuna lill-intermedjarju finanzjarju jenħtieġ li tkun limitata permezz tat-trasferiment tal-vantaġġ lill-benefiċjarji finali kif stabbilit f'dawn il-Linji Gwida. Il-fatt li l-intermedjarji finanzjarji jistgħu jżidu l-assi tagħhom u l-maniġers tagħhom jistgħu jiksbu fatturat akbar permezz tal-kummissjonijiet tagħhom huwa meqjus li jikkostitwixxi biss effett ekonomiku sekondarju tal-miżura ta' għajnuna u mhux vantaġġ akkwistat mill-għajnuna lill-intermedjarji finanzjarji jew lill-maniġers. Madankollu, jekk il-miżura ta' finanzjament ta' riskju hija mfassla b'tali mod li twassal l-effetti sekondarji tagħha lejn l-intermedjarji finanzjarji identifikabbli jew gruppi ta' intermedjarji finanzjarji, dawk l-intermedjarji finanzjarji se jitqiesu bħala li jibbenifikaw minn vantaġġ indirett.

2.2. Definizzjonijiet

30. Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida:

(1) "pjattaforma ta' negozjar alternattiva" tfisser faċilità multilaterali tan-negozjar kif definita fl-Artikolu 4(1), il-punt (22), tad-Direttiva 2014/65UE, fejn mill-inqas 50 % tal-istrumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar jinħarġu mill-SMEs;

(2) "akkwiżizzjoni" tfisser ix-xiri ta' mill-inqas perċentwali ta' kontroll ta' ekwità ta' kumpanija mill-azzjonisti attwali sabiex jiksbu l-kontroll tal-assi u tal-operazzjonijiet tagħha;

(3) "impriżi eliġibbli" tfisser SMEs, impriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja u impriżi innovattivi b'kapitalizzazzjoni medja;

(4) "entità fdata" tfisser il-Bank Ewropew tal-Investiment, il-Fond Ewropew tal-Investiment, istituzzjoni finanzjarja internazzjonali li fiha Stat Membru huwa azzjonista, jew istituzzjoni finanzjarja stabbilita fi Stat Membru li għandha l-għan li tilħaq l-interess pubbliku taħt il-kontroll ta' awtorità pubblika, korp tal-liġi pubblika, jew korp tal-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku. L-entità fdata tista' tintgħażel jew tiġi maħtura direttament f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[34] jew f'konformità mal-Artikolu 38(4)(b)(iii) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35];

---

[34] Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

[35] Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320). [Ir-referenza għandha tiġi aġġornata ladarba jiġi adottat ir-Regolament il-ġdid dwar Dispożizzjonijiet Komuni.]

(5) “investiment fl-ekwità” tfisser il-forniment ta’ kapital lil impriża, investit direttament jew indirettament, bi skambju mal-pussess ta’ sehem korrispondenti minn dik l-impriża;

(6) “pjan ta’ evalwazzjoni” tfisser dokument li jkopri skema ta’ għajnuna waħda jew aktar u li jkun fih mill-inqas l-elementi minimi li ġejjin: l-objettivi li jridu jiġu evalwati, il-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni, l-indikaturi tar-riżultati, il-metodoloġija prevista biex titwettaq l-evalwazzjoni, ir-rekwiżiti għall-ġbir ta’ *data*, iż-żmien propost tal-evalwazzjoni inkluż id-data tas-sottomissjoni tar-rapporti ta’ evalwazzjoni interim u dak finali, id-deskrizzjoni tal-korp indipendenti li se jwettaq l-evalwazzjoni jew il-kriterji li se jintużaw għall-għażla tiegħu u l-modalitajiet biex l-evalwazzjoni jsir disponibbli għall-pubbliku;

(7) “ħruġ” tfisser il-likwidazzjoni tal-ishma minn intermedjarju finanzjarju jew investitur, inkluż bejgħ ta’ negozju, tħassir, ħlas lura ta’ ishma/self, bejgħ lil intermedjarju finanzjarju ieħor jew lil investitur ieħor, bejgħ lil istituzzjoni finanzjarja u bejgħ b’offerta pubblika, inkluża offerta pubblika inizjali (“IPO”);

(8) “rata ta’ redditu ġust” (“FRR”) tfisser ir-rata ta’ redditu interna mistennija ekwivalenti għal rata ta’ skont aġġustata għar-riskju li tirrifletti l-livell ta’ riskju tal-investiment u n-natura u l-volum tal-kapital li għandu jiġi investit mill-investituri privati;

(9) “benefiċjarju finali” tfisser impriża eliġibbli li tkun irċeviet investiment taħt miżura ta’ għajnuna mill-Istat għall-finanzjament ta’ riskju;

(10) “intermedjarju finanzjarju” tfisser kull istituzzjoni finanzjarja, irrispettivament mill-forma u mis-sjieda tagħha, inkluż fond ta’ fondi, fondi ta’ investiment privat, fondi ta’ investiment pubbliku, banek, istituzzjonijiet ta’ mikrofinanzjament u soċjetajiet ta’ garanzija;

(11) “l-ewwel bejgħ kummerċjali” tfisser l-ewwel bejgħ minn impriża f’suq ta’ prodotti jew servizzi, minbarra l-bejgħ limitat sabiex jiġi ttestjat is-suq;

(12) “biċċa mill-ewwel telf” tfisser l-aktar segment subordinat tar-riskju li jġorr l-ogħla riskju ta’ telf, li jinkludi t-telf mistenni tal-portafoll fil-mira;

(13) “investiment ta’ segwitu” tfisser investiment addizzjonali f’kumpanija wara investiment preċedenti wieħed jew aktar għall-finanzjament ta’ riskju;

(14) “fond ta’ fondi” tfisser fond li jinvesti fi jew li jikkontribwixxi riżorsi għal fondi oħrajn minflok jinvesti direttament f’kumpaniji jew f’assi finanzjarji bħal ishma jew bonds;

(15) “garanzija” tfisser impenn bil-miktub li tittieħed ir-responsabbiltà għat-tranżazzjonijiet ta’ self ta’ finanzjament ta’ riskju kollha, jew parti minnhom, oriġinati ġodda, ta’ parti terza, bħal strumenti ta’ debitu jew lokazzjoni, kif ukoll strumenti ta’ kważi ekwità;

(16) “limitu massimu tal-garanzija” tfisser l-iskopertura massima ta’ investitur pubbliku espressa bħala perċentwal tal-investimenti totali magħmul f’portafoll garantit;

(17) “rata ta’ garanzija” tfisser il-perċentwal ta’ kopertura tat-telf minn investitur pubbliku ta’ kull tranżazzjoni eliġibbli taħt il-miżura ta’ għajnuna mill-Istat tal-finanzjament ta’ riskju;

(18) “investitur privat indipendenti” tfisser investitur privat li mhuwiex azzjonist tal-impriża eliġibbli li fiha jinvesti, inkluż investituri informali u istituzzjonijiet finanzjarji, irrispettivament mis-sjieda tagħhom, sal-punt li huma jġorru r-riskju sħiħ fir-rigward tal-investiment tagħhom; mal-ħolqien ta’ kumpanija ġdida, l-investituri privati kollha, inkluż il-fundaturi, jitqiesu bħala indipendenti minn dik il-kumpanija;

(19) “impriża innovattiva b’kapitalizzazzjoni medja” tfisser impriża b’kapitalizzazzjoni medja li tissodisfa l-kriterji biex titqies bħala “intrapriża innovattiva” skont it-tifsira tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, jew li dan l-aħħar ingħatat tikketta tal-kwalità tas-Siġill ta’ Eċċellenza mill-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni f’konformità mal-programm ta’ ħidma Orizzont 2020 2018-2020[36] jew mal-Artikoli 1(19) u 11(2) tar-Regolament Orizzont Ewropa[37] jew li dan l-aħħar irċeviet investiment mill-Fond tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, bħal investiment fil-kuntest tal-Programm tal-Aċċeleraturi kif imsemmi fl-Artikolu 43(6) tar-Regolament Orizzont Ewropa [ir-referenza tiġi aġġornata ladarba jiġi adottat];

(20) “ingranaġġ tar-riżorsi privati” tfisser il-grad li bih l-investiment pubbliku jattira investiment addizzjonali minn sorsi privati;

(21) “strument ta’ self” tfisser ftehim li jobbliga lis-sellief li jqiegħed ammont ta’ flus maqbul disponibbli għall-mutwatarju għal perjodu ta’ żmien maqbul u li skontu l-mutwatarju huwa obbligat iħallas l-ammont lura fil-perjodu maqbul; dan jista’ jieħu l-forma ta’ self, jew strument ieħor ta’ finanzjament, inkluż lokazzjoni, li jipprovdi lis-sellief b’komponent pridominanti ta’ rendiment minimu;

(22) “impriża b’kapitalizzazzjoni medja” tfisser impriża li n-numru ta’ impjegati tagħha ma jaqbiżx l-1 500, ikkalkolat f’konformità mal-Artikoli 3, 4 u 5 tal-Anness I tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, u li ma tissodisfax il-kriterji biex titqies bħala SME. Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta’ dawn il-Linji Gwida, diversi entitajiet se jitqiesu bħala impriża waħda jekk tiġi ssodisfata xi waħda mill-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 3(3) tal-Anness I tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa.

(23) “persuna fiżika” tfisser persuna għajr entità ġuridika li mhijiex impriża fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat;

(24) “self ġdid” tfisser strument ta’ self mibdi ġdid imfassal biex jiffinanzja investimenti ġodda jew kapital operatorju, bl-esklużjoni ta’ rifinanzjament ta’ (i) self eżistenti jew ta’ (ii) forom oħrajn ta’ finanzjament;

36 Disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/research/participants/data/ref/h2020/wp/2018-2020/main/h2020-wp1820-eic_en.pdf

37 Ara n-nota 24 f’qiegħ il-paġna

(25) "investiment ta' kważi ekwità" tfisser tip ta' finanzjament li jikkwalifika bejn ekwità u dejn, li jkollu riskju ogħla minn dejn superjuri u riskju aktar baxx minn ekwità komuni u li r-redditu tiegħu lid-detentur ikun ibbażat fil-biċċa l-kbira fuq il-profitti jew it-telf tal-impriża fil-mira sottostanti u li ma jkunx żgurat f'każ ta' inadempjenza. L-investimenti ta' kważi ekwità jistgħu jkunu strutturati bħala dejn, mhux garantit u subordinat, inkluż dejn intermedjarju, u f'xi każijiet jistgħu jiġu kkonvertiti f'ekwità jew bħala ekwità ppreferuta;

(26) "kapital ta' sostituzzjoni" tfisser ix-xiri ta' ishma eżistenti f'kumpanija minn investitur jew minn azzjonista preċedenti;

(27) "investiment ta' finanzjament ta' riskju" tfisser investimenti ta' ekwità u kważi ekwità, self (inklużi lokazzjonijiet), garanziji, jew taħlita tagħhom, lil impriżi eliġibbli għall-finijiet li jsiru investimenti ġodda, bl-esklużjoni ta' investimenti kompletament privati pprovduti b'termini tas-suq u barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura rilevanti ta' għajnuna mill-Istat;

(28) "intrapriża żgħira u ta' daqs medju (SME)" tfisser impriża li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa;

(29) "impriża żgħira b'kapitalizzazzjoni medja" tfisser impriża b'kapitalizzazzjoni medja li l-għadd ta' impjegati tagħha ma jaqbiżx l-499, ikkalkulat f'konformità mal-Artikoli 3, 4 u 5 tal-Anness I tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, u li l-fatturat annwali tagħha ma jaqbiżx il-EUR 100 miljun jew li l-karta bilanċjali annwali tagħha ma taqbiżx is-EUR 86 miljun;

(30) "finanzjament totali" tfisser l-ammont massimu ta' investiment globali li jsir f'impriża eliġibbli permezz ta' investiment wieħed jew aktar ta' finanzjament ta' riskju, inkluż investimenti ta' segwitu, taħt kwalunkwe miżura ta' għajnuna mill-Istat għall-finanzjament ta' riskju, bl-esklużjoni ta' investimenti kompletament privati pprovduti b'termini tas-suq u barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura ta' għajnuna mill-Istat għall-finanzjament ta' riskju.

3. GĦAJNUNA GĦALL-FINANZJAMENT TA' RISKJU NOTIFIKABBLI

31. L-Istati Membri jridu jinnotifikaw, skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat, miżuri ta' finanzjament ta' riskju li: (i) jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat (b'mod partikolari miżuri li ma jikkonformawx mat-test tal-operatur tal-ekonomija tas-suq[38] u jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti *de minimis*), u (ii) ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet kollha għall-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju kif stipulati fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-kompatibbiltà ta' dawk il-miżuri mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat. Dawn il-Linji Gwida jiffokaw fuq dawk il-miżuri ta' finanzjament ta' riskju li x'aktarx jinstabu li huma kompatibbli mal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, soġġetti għal għadd ta' kundizzjonijiet li se jkunu

---

[38] Skont it-test tal-operatur tal-ekonomija tas-suq, tranżazzjonijiet ekonomiċi ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat jekk isiru minn korpi pubbliċi jew minn impriżi f'konformità mal-kundizzjonijiet normali tas-suq u ma jagħtux lok għal vantaġġ lill-kontroparti tagħhom. Għal aktar gwida f'dan ir-rigward, ara l-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ara n-nota 30 f'qiegħ il-paġna).

spjegati f'aktar dettall fit-Taqsima 4 ta' dawn il-Linji Gwida. Tali miżuri jaqgħu f'waħda mill-kategoriji li ġejjin jew fiż-żewġ kategoriji li ġejjin.

32. L-ewwel kategorija tkopri l-miżuri ta' finanzjament ta' riskju li jimmiraw lejn impriżi li ma jissodisfawx ir-**rekwiżiti tal-eliġibbiltà** kollha previsti għall-għajnuna għal finanzjament ta' riskju skont ir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa. Dik il-kategorija tinkludi b'mod partikolari l-miżuri li jimmiraw l-impriżi li ġejjin:

(a) impriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja;

(b) impriżi innovattivi b'kapitalizzazzjoni medja;

(c) l-impriżi li jirċievu investiment ta' finanzjament ta' riskju inizjali aktar minn għaxar snin wara r-reġistrazzjoni tagħhom[39];

(d) l-impriżi li jeħtieġu investiment ta' finanzjament ta' riskju kumplessiv ta' ammont li jaqbeż il-limitu massimu stabbilit fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa;

(e) il-pjattaformi ta' negozjar alternattivi li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa.

33. It-tieni kategorija tikkonsisti f'dawk il-miżuri li l-**parametri ta' tfassil** tagħhom ikunu differenti minn dawk stabbiliti fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa. Dik il-kategorija tinkludi b'mod partikolari l-każijiet li ġejjin:

(a) l-istrumenti finanzjarji b'parteċipazzjoni ta' investitur privat taħt il-proporzjonijiet previsti fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa;

(b) l-istrumenti finanzjarji b'parametri ta' tfassil 'il fuq mil-limiti massimi previsti fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa;

(c) l-istrumenti finanzjarji għajr il-garanziji fejn l-intermedjarji finanzjarji, l-investituri jew il-maniġers ta' fondi jintgħażlu billi tingħata preferenza għal protezzjoni kontra telf potenzjali (protezzjoni minn telf possibbli) u mhux lil redditi prijoritizzati mill-profitti (inċentivi pożittivi);

(d) l-inċentivi fiskali għall-investituri korporattivi, inkluż l-intermedjarji finanzjarji jew il-maniġers tagħhom li jaġixxu bħala koinvestituri.

34. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dawn il-Linji Gwida, il-kundizzjonijiet kollha ta' kompatibbiltà applikabbli għall-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju skont ir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa se jiggwidaw lill-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-kategoriji ta' miżuri notifikabbli msemmija fil-paragrafi 32 u 33.

4. VALUTAZZJONI TAL-KOMPATIBBILTÀ TAL-GĦAJNUNA GĦALL-FINANZJAMENT TA' RISKJU

35. Abbażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, il-Kummissjoni tista' tqis kompatibbli mas-suq intern l-għajnuna mill-Istat li tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi fi ħdan l-Unjoni, meta tali għajnuna ma taffettwax b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa punt li jmur kontra l-interess komuni.

39 Għall-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju f'xi ċirkostanzi speċifiċi, ara n-nota 33 f'qiegħ il-paġna.

36. F'din it-Taqsima, il-Kummissjoni tiċċara kif se tivvaluta l-kompatibbiltà tal-miżuri ta' għajnuna għall-finanzjament ta' riskju li huma soġġetti għall-obbligu ta' notifika skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat. B'mod aktar speċifiku, sabiex tivvaluta jekk miżuri ta' għajnuna għall-finanzjament ta' riskju tistax titqies kompatibbli mas-suq intern, il-Kummissjoni se tiddetermina jekk il-miżura ta' għajnuna tiffaċilitax l-iżvilupp ta' ċerta attività ekonomika (l-ewwel kundizzjoni) u jekk taffettwax b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa punt li jmur kontra l-interess komuni (it-tieni kundizzjoni).

37. Meta tiddetermina jekk l-ewwel kundizzjoni hijiex issodisfata, jiġifieri li l-għajnuna tiffaċilita l-iżvilupp ta' attività ekonomika, il-Kummissjoni se tqis l-aspetti li ġejjin:

(a) l-*identifikazzjoni tal-attività ekonomika appoġġata* (ara t-Taqsima 4.1.1),

(b) *l-effett ta' inċentiv*: il-verifika ta' jekk l-għajnuna tbiddilx l-imġiba tal-impriżi kkonċernati b'tali mod li tali impriżi jidħlu f'attività addizzjonali, li li kieku ma titwettaqx mingħajr l-għajnuna jew li titwettaq b'mod ristrett jew differenti jew f'post differenti (ara t-Taqsima 4.1.2),

38. Meta tikkunsidra jekk it-tieni kundizzjoni hijiex issodisfata, jiġifieri li l-għajnuna ma taffettwax b'mod avvers il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa punt li jmur kontra l-interess komuni, il-Kummissjoni se tqis l-aspetti li ġejjin:

(a) *il-ħtieġa għal intervent mill-Istat:* il-miżura ta' għajnuna trid twassal għal titjib materjali li s-suq ma jistax iwassal waħdu, pereżempju billi tirrimedja falliment tas-suq jew ostaklu rilevanti ieħor għall-għoti ta' finanzjament ta' riskju inkluż pereżempju inugwaljanzi reġjonali fl-aċċess għall-finanzjament (ara t-Taqsima 4.2.2),

(b) *l-adegwatezza tal-miżura ta' għajnuna*: il-miżura ta' għajnuna proposta trid tkun strument ta' politika xieraq biex tissodisfa l-objettiv tagħha (ara t-Taqsima 4.2.3),

(c) *il-proporzjonalità tal-għajnuna (l-għajnuna limitata għall-minimu):* l-ammont u l-intensità tal-għajnuna jridu jkunu limitati għall-minimu meħtieġ biex jinduċi l-investiment jew l-attività addizzjonali mill-impriżai kkonċernati (ara t-Taqsima 4.2.4),

(d) *l-evitar ta' effetti negattivi mhux dovuti tal-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ*: dawn l-effetti negattivi jridu jkunu limitati u ma jridux jisbqu l-effetti pożittivi tal-għajnuna (ara t-Taqsima 4.2.5);

(e) *it-trasparenza tal-għajnuna*: l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-operaturi ekonomiċi u l-pubbliku, irid ikollhom aċċess faċli għall-atti u għall-informazzjoni kollha rilevanti dwar l-għajnuna mogħtija hawnhekk (ara t-Taqsima 4.2.6).

39. Il-bilanċ kumplessiv ta' ċerti kategoriji ta' skemi ta' għajnuna jista' jiġi soġġett ukoll għal rekwiżit ta' evalwazzjoni *ex post* kif deskritt fit-Taqsima 5. F'tali każijiet, il-Kummissjoni tista' tillimita d-durata ta' dawk l-iskemi, bil-possibbiltà li terġa' tinnotifika t-titwil sussegwenti tagħhom.

40. Jekk miżura ta' għajnuna mill-Istat, il-kundizzjonijiet mehmużin magħha (inkluż il-metodu ta' finanzjament tagħha meta l-metodu ta' finanzjament jifforma parti

integrali mill-miżura ta' għajnuna mill-Istat), jew l-attività li tiffinanzja tkun tinvolvi ksur ta' dispożizzjoni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, l-għajnuna ma tistax tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern[40]. Tali ksur jinkludi iżda mhuwiex limitat għal:

(a) l-għajnuna ssir soġġetta għall-obbligu li jintużaw prodotti li jsiru fuq livell nazzjonali jew servizzi nazzjonali;

(b) l-għajnuna ssir soġġetta għall-obbligu tal-intermedjarji finanzjarji, tal-maniġers tagħhom jew tal-benefiċjarji finali li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, jew li jċaqilquh lejn it-territorju ta' dak l-Istat Membru, bi ksur tal-Artikolu 49 tat-Trattat dwar il-libertà ta' stabbiliment[41];

(c) l-impożizzjoni ta' miżuri li jiksru l-Artikolu 63 tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital.

4.1. L-ewwel kundizzjoni: l-għajnuna tiffaċilita l-iżvilupp ta' attività ekonomika

4.1.1. L-identifikazzjoni tal-attività ekonomika appoġġata

41. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-miżuri ta' għajnuna għall-finanzjament ta' riskju jkopru kumpaniji minn firxa wiesgħa ta' setturi ekonomiċi. Dawk il-miżuri jgħinu biex jiġi żgurat li ċerti SMEs u impriżi b'kapitalizzazzjoni medja jkollhom aċċess għall-ammont u l-forma meħtieġa ta' finanzjament biex iwettqu jew jiżviluppaw aktar l-attivitajiet ekonomiċi rispettivi tagħhom. Għalhekk, il-Kummissjoni se tidentifika t-tip ta' kumpaniji (SMEs, impriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, impriżi innovattivi b'kapitalizzazzjoni medja) u s-setturi koperti mill-miżura ta' għajnuna għall-finanzjament ta' riskju.

4.1.2. L-effett ta' inċentiv

42. L-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju tista' tinstab kompatibbli mas-suq intern biss jekk ikollha effett ta' inċentiv. Il-Kummissjoni tqis li għajnuna mingħajr effett ta' inċentiv ma tiffaċilitax l-iżvilupp tal-attività ekonomika kkonċernata.

43. L-effett ta' inċentiv iseħħ meta l-għajnuna twassal lill-benefiċjarju tal-għajnuna biex ibiddel l-imġiba tiegħu billi jwettaq attivitajiet li kieku ma kienx iwettaq mingħajr l-għajnuna jew li kien iwettaq b'mod aktar ristrettiv minħabba l-eżistenza ta' falliment tas-suq. Fil-livell tal-impriżi eliġibbli, effett ta' inċentiv ikun preżenti meta l-għajnuna tippermetti lill-benefiċjarju finali jiġbor il-finanzjament li ma kienx ikun disponibbli f'termini ta' forma, ammont jew skedar.

---

[40] Ara s-sentenzi tal-Qorti tad-19 ta' Settembru 2000, *Il-Ġermanja vs il-Kummissjoni*, C-156/98, EU:C:2000:467, il-paragrafu 78, tat-22 ta' Diċembru 2008, *Régie Networks vs Rhone Alpes Bourgogne*, C-333/07, EU:C:2008:764, il-paragrafi 94 sa 116, tal-15 ta' April 2008, *Nuova Agricast*, Kawża C-390/06 EU:C:2008:224, il-paragrafi 50 u 51, u tat-22 ta' Settembru 2020, *L-Awstrija vs Il-Kummissjoni*, Kawża C-594/18 P, EU:C:2020:742, il-paragrafu 44.

[41] Dan huwa mingħajr preġudizzju għar-rekwiżit għall-intermedjarji finanzjarji jew għall-maniġers tagħhom li jkollhom il-liċenzja meħtieġa biex iwettqu investiment u attivitajiet ta' ġestjoni fl-Istat Membru kkonċernat jew għall-benefiċjarji finali li jkollhom stabbiliment u jwettqu attivitajiet ekonomiċi fit-territorju tagħhom.

44. Il-miżuri ta' finanzjament ta' riskju jridu jinċentivaw lill-investituri tas-suq sabiex jipprovdu finanzjament lill-impriżi eliġibbli potenzjalment vijabbli 'l fuq mil-livelli attwali jew sabiex jassumu riskju addizzjonali, jew it-tnejn. Il-miżura ta' finanzjament ta' riskju titqies li għandha effett ta' inċentiv jekk timmobilizza investimenti mis-sorsi tas-suq sabiex b'hekk il-finanzjament totali pprovdut lill-impriżi eliġibbli jaqbeż il-baġit tal-miżura. Għalhekk, element ewlieni fl-għażla tal-intermedjarji finanzjarji u tal-maniġers ta' fondi jenħtieġ li jkun il-kapaċità tagħhom li jimmobilizzaw investiment privat addizzjonali.

45. Jekk l-istrumenti ta' dejn iffinanzjati jintużaw għall-finanzjament mill-ġdid tas-self eżistenti, dawn ma jitqisux bħala li jiġġeneraw effett ta' inċentiv u kwalunkwe element ta' għajnuna f'tali strumenti ma jistax jitqies bħala kompatibbli taħt dawn il-Linji Gwida.

46. Il-valutazzjoni tal-effett ta' inċentiv hija marbuta mill-qrib mal-valutazzjoni tal-ħtieġa għal intervent mill-Istat diskussa fit-Taqsima 4.2.2. Barra minn hekk, l-adegwatezza ta' miżura biex tingrana r-riżorsi privati fl-aħħar mill-aħħar tiddependi fuq it-tfassil ta' dik il-miżura fir-rigward tal-bilanċ tar-riskji u l-gwadanji bejn il-fornituri pubbliċi u dawk privati tal-finanzjament, li huwa wkoll marbut mill-qrib mal-kwistjoni dwar jekk it-tfassil tal-miżura ta' għajnuna mill-Istat għall-finanzjament ta' riskju huwiex xieraq (ara t-Taqsima 4.2.3). Għalhekk, ladarba tkun ġiet identifikata kif xieraq il-ħtieġa għal intervent mill-Istat u l-miżura jkollha tfassil xieraq, ikun jista' jiġi preżunt li hemm effett ta' inċentiv preżenti.

4.2. It-tieni kundizzjoni: L-evitar ta' effetti avversi fuq il-kundizzjonijiet tan-negozjar sa punt li jmur kontra l-interess komuni

47. L-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jippermetti lill-Kummissjoni tiddikjara għajnuna biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti oqsma ekonomiċi kompatibbli, iżda biss "*basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni*".

48. Il-valutazzjoni tal-effetti negattivi fuq is-suq intern tinvolvi valutazzjonijiet ekonomiċi u soċjali kumplessi. F'din it-taqsima ta' dawn il-Linji Gwida, il-Kummissjoni se tispjega kif biħsiebha teżerċita d-diskrezzjoni tagħha fit-twettiq tal-valutazzjoni skont it-tieni kundizzjoni tal-valutazzjoni tal-kompatibbiltà.

49. Min-natura tagħha stess, kwalunkwe miżura ta' għajnuna mill-Istat tirriżulta f'distorsjonijiet fil-kompetizzjoni u għandha effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Madankollu, sabiex jiġi stabbilit jekk l-effetti ta' distorsjoni tal-għajnuna jkunux limitati għall-minimu, il-Kummissjoni se tivverifika jekk l-għajnuna tkunx meħtieġa (ara t-Taqsima 4.2.2), xierqa (ara t-Taqsima 4.2.3), u proporzjonata (ara t-Taqsima 4.2.4). Sabiex tippermetti din il-verifika, il-Kummissjoni teħtieġ li l-Istati Membri jissottomettu evidenza fil-forma ta' valutazzjoni *ex ante* kif deskritt fit-Taqsima 4.2.1.

50. Imbagħad, il-Kummissjoni se tivvaluta l-effetti negattivi li jifdal tal-finanzjament ta' riskju inkwistjoni fuq il-kompetizzjoni u l-kundizzjonijiet ta' negozjar. B'mod aktar speċifiku, l-għajnuna fil-qasam tal-finanzjament ta' riskju tista' twassal għall-eliminazzjoni tal-investituri privati, ikollha effetti ta' distorsjoni fil-livell ta' intermedjarji finanzjarji, tikkawża distorsjonijiet speċifiċi fis-suq tal-prodotti u jkollha effetti ta' delokalizzazzjoni. Il-Kummissjoni se teżamina tali effetti negattivi

li jifdal tal-għajnuna fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ u se tiżinhom kontra l-effetti pożittivi tal-għajnuna (ara t-Taqsima 4.2.5). Jekk l-effetti pożittivi jegħlbu l-effetti negattivi, il-Kummissjoni tiddikjara l-għajnuna bħala kompatibbli.

51. Finalment, il-Kummissjoni se tiżgura li l-għajnuna tikkonforma mar-rekwiżiti ta' trasparenza tagħha (ara t-Taqsima 4.2.6).

4.2.1. Elementi bażiċi tal-valutazzjoni ex ante li għandhom jiġu sottomessi mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kummissjoni

52. L-għajnuna mill-Istat tista' tiġi ġġustifikata biss jekk tkun tista' ġġib żvilupp materjali li s-suq ma jistax jipprovdi waħdu, pereżempju billi tirrimedja falliment tas-suq jew ostaklu rilevanti ieħor għall-għoti ta' finanzjament ta' riskju jew investiment.

53. L-għajnuna mill-Istat tista' tkun **meħtieġa** biex jiżdied il-forniment ta' finanzjament ta' riskju f'sitwazzjoni fejn is-suq waħdu, ifalli milli jagħti riżultati effiċjenti. Il-Kummissjoni tqis li ma hemm l-ebda falliment tas-suq ġenerali fir-rigward tal-aċċess għall-finanzni għall-SMEs jew għall-impriżi b'kapitalizzazzjoni medja, iżda biss falliment relatat ma' ċerti gruppi ta' SMEs, u xi tipi ta' impriżi b'kapitalizzazzjoni medja, skont il-kuntest ekonomiku speċifiku tal-Istat Membru kkonċernat.

54. Ir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa jistabbiliixxi l-kundizzjonijiet li skonthom il-miżuri ta' finanzjament ta' riskju huma preżunti li jindirizzaw falliment tas-suq permezz ta' mezzi adatti u proporzjonati, waqt li għandhom effett ta' inċentiv u jimminizzaw kull distorsjoni tal-kompetizzjoni. Il-miżuri li jikkonformaw ma' dawk il-kundizzjonijiet ma għandhomx għalfejn jiġu nnotifikati u jitqiesu kompatibbli mas-suq intern.

55. Il-miżuri ta' finanzjament ta' riskju li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa jridu jiġu nnotifikati sabiex il-Kummissjoni tkun tista', fost affarijiet oħra, tivvaluta jekk jeżistix falliment tas-suq jew ostaklu rilevanti ieħor għall-forniment ta' finanzjament ta' riskju. Għalhekk, l-Istati Membri huma meħtieġa jagħtu prova li jeżisti falliment tas-suq speċifiku jew ostaklu rilevanti ieħor lil hinn mill-preżunzjoni legali li fuqha huwa bbażat ir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa. Barra minn hekk, l-iskema ta' finanzjament ta' riskju proposta trid tissodisfa l-kriterji għall-kompatibbiltà stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida. Għal dawn il-finijiet, l-Istat Membru jenħtieġ li jissottometti lill-Kummissjoni valutazzjoni *ex ante* fil-fond jew, fejn xieraq, sensiela ta' valutazzjonijiet.

56. Il-valutazzjoni *ex ante* fil-fond trid tkun ibbażata fuq evidenza oġġettiva u aġġornata u fuq l-aħjar prattiki u metodoloġiji disponibbli (bħal riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni, intervisti, stħarriġ online, metodi kwantitattivi xierqa). Sal-limitu possibbli, l-evidenza mbagħad trid tiġi triangolata u użata b'mod li jsaħħaħ b'mod reċiproku biex tappoġġa l-konklużjonijiet mill-valutazzjoni *ex ante*. Il-valutazzjoni *ex ante* trid tkun ilha li saret inqas minn tliet snin qabel in-notifika tal-miżura ta' finanzjament ta' riskju u preferibbilment jenħtieġ li ssir minn espert indipendenti. Il-valutazzjoni *ex ante* jenħtieġ li tqis ukoll it-tagħlimiet meħuda minn strumenti simili u l-valutazzjonijiet *ex ante* preċedenti mwettqa mill-Istat Membru. Fl-abbozzar tal-valutazzjoni *ex ante,* l-Istati Membri jistgħu jużaw il-korp eżistenti ta' evidenza, sa fejn ikun rilevanti, biex jagħtu prova tal-falliment tas-suq meta jwettqu l-valutazzjoni *ex ante.* Il-valutazzjoni *ex ante* jenħtieġ li tiffoka fuq it-tip speċifiku ta' finanzjament

ta’ riskju (pereżempju, ekwità jew dejn subordinat) li għalih qed tiġi proposta miżura ta’ għajnuna.

57. Il-miżura ta’ għajnuna għall-finanzjament ta’ riskju proposta jenħtieġ li tkun **xierqa** biex jintlaħaq l-objettiv maħsub tal-għajnuna. Għalhekk, il-valutazzjoni *ex ante* trid tanalizza l-azzjonijiet eżistenti u, jekk possibbli, dawk previsti li jimmiraw l-istess falliment tas-suq identifikat jew ostaklu rilevanti ieħor għall-għoti ta’ finanzjament ta’ riskju, billi tqis l-effikaċja u l-effiċjenza ta’ għodod oħrajn ta’ politika. L-Istat Membru jrid juri li l-falliment identifikat tas-suq jew ostaklu rilevanti ieħor ma jistax jiġi indirizzat b’mod adegwat minn għodod ta’ politika oħrajn li ma jinvolvux għajnuna mill-Istat jew minn miżuri fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa.

58. L-għajnuna mill-Istat trid tkun **proporzjonata** meta mqabbla mal-falliment tas-suq jew mal-ostaklu rilevanti l-ieħor, li hija tkun maħsuba li tindirizza sabiex jintlaħqu l-objettivi rilevanti tal-politika. Għalhekk, l-għajnuna biex jiżdied l-għoti ta’ finanzjament ta’ riskju jenħtieġ li tkun limitata għall-minimu strett meħtieġ biex jiġi indirizzat il-falliment tas-suq jew l-ostaklu rilevanti l-ieħor identifikat fil-valutazzjoni *ex ante*, mingħajr ma jiġu ġġenerati vantaġġi mhux dovuti għall-benefiċjarju tiegħu. Għal investimenti ta’ finanzjament ta’ riskju li jaqbżu l-limitu massimu stabbilit għal kull impriża eliġibbli fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, il-valutazzjoni *ex ante* jeħtieġ li turi l-proporzjonalità tal-miżura ta’ għajnuna f’aktar dettall kif stabbilit fil-paragrafi 63 u 64.

59. Meta l-miżura ta’ finanzjament tar-riskju tkun iffinanzjata parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, mill-Fond Soċjali Ewropew u/jew mill-Fond ta’ Koeżjoni, l-Istat Membru jista’ jiddeċiedi li jerġa’ juża (partijiet minn) il-valutazzjoni *ex ante* mħejjija f’konformità mal-Artikolu 37(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Imbagħad, il-Kummissjoni se tivvaluta jekk l-evidenza sottomessa tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti f’dawn il-Linji Gwida. Fejn il-miżura ta’ finanzjament tar-riskju tintuża, parzjalment jew kompletament, biex tappoġġa impriżi li reċentement ingħataw tikketta tal-kwalità tas-Siġill ta’ Eċċellenza mill-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni[42], biex jikkoinvestu mal-Fond tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, jew biex tipprovdi investiment ta’ segwitu fir-rigward tal-Programm tal-Aċċeleraturi[43], il-Kummissjoni se taċċetta li din it-tikketta ta’ kwalità u evidenza oħra mill-proċedura ta’ diliġenza dovuta mwettqa mill-EIC jintużaw bħala parti mill-valutazzjoni *ex ante*.

60. Għal miżuri ta’ finanzjament ta’ riskju li jaqgħu barra mill-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, il-valutazzjoni *ex ante* trid tiddeskrivi n-natura tal-falliment tas-suq jew l-ostakolu rilevanti l-ieħor u turi l-preżenza tiegħu sa fejn jaffettwa waħda jew aktar milli ġejjin:

(a) il-kategoriji speċifiċi ta’ impriżi fil-mira li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti kollha tal-eliġibbiltà skont ir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (ara l-paragrafu 32, il-punti (a) sa (d));

42 F’konformità mal-programm ta’ ħidma Orizzont 2020 2018-2020 (ara n-nota 22 f’qiegħ il-paġna) jew mal-Artikoli 1(19) u 11(2) tar-Regolament Orizzont Ewropa (ara n-nota 76 f’qiegħ il-paġna).

43 F’konformità mal-Artikolu 43(6) tar-Regolament Orizzont Ewropa (ara n-nota 24 f’qiegħ il-paġna).

(b) il-pjattaformi ta' negozjar alternattivi li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (ara l-paragrafu 32, il-punt (e));

(c) l-istrumenti finanzjarji b'parametri ta' tfassil li jiddevjaw minn dawk deskritti fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (ara l-paragrafu 33, il-punti (a), (b) u (c));

(d) l-inċentivi fiskali għall-investituri korporattivi, inkluż intermedjarji finanzjarji jew il-maniġers tagħhom li jaġixxu bħala koinvestituri (ara l-paragrafu 33, il-punt (d)).

61. Il-valutazzjoni *ex ante* jenħtieġ li tidentifika t-tip ta' impriżi affettwati, b'mod partikolari, f'termini tal-età jew tal-istadju tal-iżvilupp, is-settur ekonomiku, u ż-żona ġeografika tal-attività u turi li tali impriżi huma affettwati mill-preżenza ta' falliment tas-suq speċifiku jew ostaklu rilevanti ieħor.

62. Għal miżuri ta' finanzjament ta' riskju li jikkonċernaw strumenti finanzjarji bil-parteċipazzjoni ta' investitur privat taħt il-proporzjonijiet previsti fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (ara l-paragrafu 33, il-punt (a)), barra minn hekk, il-valutazzjoni *ex ante* jenħtieġ li tipprovdi valutazzjoni dettaljata tal-livell u tal-istruttura tal-provvista ta' finanzjament privat għat-tip ta' impriża eliġibbli fiż-żona ġeografika rilevanti u turi li l-falliment tas-suq identifikat jew l-ostakolu rilevanti l-ieħor ma jistax jiġi indirizzat b'miżuri mfassla skont ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa dwar il-parteċipazzjoni privata.

63. Barra minn hekk, għal investimenti ta' finanzjament ta' riskju li jaqbżu l-limitu massimu stabbilit għal kull impriża eliġibbli fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (ara l-paragrafu 32, il-punt (d)) il-valutazzjoni *ex ante* jenħtieġ li tikkwantifika wkoll id-diskrepanza fil-finanzjament (jiġifieri, il-livell ta' domanda attwalment mhux issodisfata għal finanzi minn impriżi eliġibbli) minħabba l-falliment tas-suq identifikat jew l-ostakolu rilevanti l-ieħor. Il-valutazzjoni trid turi li d-diskrepanza fil-finanzjament fil-livell tal-impriżi eliġibbli taqbeż il-limitu massimu stabbilit fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa. Tali kwantifikazzjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-aħjar prattiki u metodoloġiji disponibbli li jippermettu l-istima tal-kobor tad-domanda mhux issodisfata għall-finanzjament mill-impriżi fil-mira li teżisti.

64. Għall-kwantifikazzjoni tal-laguna fil-finanzjament, iridu jiġu analizzati kemm il-problemi strutturali kif ukoll dawk ċikliċi (jiġifieri dawk relatati mal-kriżi) li jwasslu għal livelli subottimali ta' finanzjament privat. B'mod partikolari, il-valutazzjoni *ex ante* trid tipprovdi analiżi komprensiva tan-naħa tal-provvista billi tivvaluta s-sorsi ta' finanzjament disponibbli għall-impriżi eliġibbli, filwaqt li tqis l-għadd ta' intermedjarji finanzjarji eżistenti li joperaw fiż-żona ġeografika fil-mira, in-natura pubblika jew privata tagħhom, u l-volumi ta' investiment immirati għas-segment tas-suq rilevanti. Il-valutazzjoni tan-naħa tad-domanda jenħtieġ li tqis l-għadd ta' impriżi potenzjalment eliġibbli u l-valuri medji ta' finanzjament meħtieġ. Din l-analiżi jenħtieġ li tkun ibbażata fuq *data* li tkopri l-ħames snin ta' qabel in-notifika tal-miżura ta' finanzjament ta' riskju u fejn possibbli s-sejbiet triangolati billi jitqabblu sorsi ta' *data* alternattivi.

4.2.2. Il-ħtieġa ta' intervent mill-Istat

65. L-għajnuna mill-Istat jenħtieġ li tkun immirata lejn sitwazzjonijiet fejn l-għajnuna tkun tista' ġġib żvilupp materjali li s-suq waħdu ma jistax iġib. Sabiex jiġi vvalutat jekk l-għajnuna mill-Istat hijiex effettiva biex jintlaħaq ir-riżultat maħsub, l-ewwel huwa meħtieġ li tiġi identifikata l-problema li trid tiġi indirizzata. L-Istati Membri jenħtieġ li jispjegaw kif il-miżura ta' għajnuna tista' timmitiga b'mod effettiv l-ostaklu identifikat, u b'mod partikolari, kwalunkwe falliment tas-suq li jfixkel l-għoti ta' finanzjament ta' riskju suffiċjent mis-suq waħdu.

66. Il-miżura ta' finanzjament ta' riskju tista' tiġi ġġustifikata biss jekk tkun immirata lejn il-falliment speċifiku tas-suq jew l-ostakolu rilevanti l-ieħor muri fil-valutazzjoni *ex ante*. Il-Kummissjoni tqis li tali fallimenti tas-suq jew ostakli jistgħu jeżistu b'mod partikolari, iżda mhux esklussivament, għall-SMEs fl-istadji bikrija tagħhom li, minkejja l-prospetti ta' tkabbir tagħhom, ma jistgħux juru l-affidabbiltà kreditizja tagħhom jew is-solidità tal-pjanijiet ta' direzzjoni tan-negozju tagħhom lill-investituri. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' tali falliment tas-suq jew ostaklu, kemm f'termini tal-kumpaniji affettwati u r-rekwiżit kapitali tagħhom, jista' jvarja skont is-settur li joperaw fih. Is-setturi li jistgħu jiġu affettwati b'mod partikolari minn tali fallimenti tas-suq u ostakli huma t-teknoloġiji ekoloġiċi jew diġitali innovattivi. Minħabba asimmetriji fl-informazzjoni, is-suq isibha diffiċli jivvaluta l-profil tar-riskju/redditu ta' tali SMEs u l-kapaċità tagħhom li jiġġeneraw redditi aġġustati għar-riskju. Id-diffikultajiet li dawk l-SMEs jesperjenzaw fil-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-kwalità tal-proġett tagħhom, il-grad ta' riskju perċepit tagħhom u l-affidabbiltà kreditizja dgħajfa tagħhom iwasslu għal kostijiet għoljin ta' tranżazzjoni u tal-aġenzija u jistgħu jaggravaw l-averżjoni għar-riskju tal-investitur. L-impriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja u l-impriżi innovattivi b'kapitalizzazzjoni medja jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet simili u għalhekk jiġu affettwati mill-istess falliment tas-suq jew ostaklu.

67. Għalhekk, il-miżura ta' finanzjament ta' riskju trid tiġi mfassla b'mod li tindirizza l-falliment speċifiku tas-suq jew ostaklu rilevanti ieħor identifikat fil-valutazzjoni *ex ante*, b'mod partikolari fir-rigward tal-impriżi eliġibbli fl-istadju ta' żvilupp immirat, fiż-żona ġeografika, u, jekk applikabbli, fis-settur ekonomiku.

68. Biex jiġi żgurat li l-intermedjarji finanzjarji involuti fil-miżura jimmiraw il-fallimenti identifikati tas-suq, irid isir proċess ta' diliġenza dovuta biex tiġi żgurata strateġija tal-investiment kummerċjalment soda li tiffoka fuq l-objettiv ta' politika identifikat u li tirrispetta r-rekwiżiti tal-eliġibbiltà u r-restrizzjonijiet ta' finanzjament definiti. B'mod partikolari, l-Istati Membri jridu jagħżlu l-intermedjarji finanzjarji li jkunu jistgħu juru li l-istrateġija ta' investiment proposta tagħhom hija kummerċjalment soda u tinkludi politika xierqa għad-diversifikazzjoni tar-riskji mmirata lejn il-kisba tal-vijabbiltà ekonomika u skala effiċjenti f'termini ta' daqs u ta' ambitu territorjali tal-investimenti.

4.2.2.1. Miżuri mmirati lejn kategoriji ta' impriżi barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa

69. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa huwa ristrett għall-SMEs. Madankollu, ċerti impriżi li ma humiex koperti mid-definizzjoni ta' SME, f'termini ta' għadd ta' ħaddiema, jew limiti finanzjarji, jew it-tnejn, jistgħu jiffaċċjaw restrizzjonijiet ta' finanzjament simili.

(a) Kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja

70. L-estensjoni tal-ambitu tal-impriżi eliġibbli taħt miżura ta' finanzjament ta' riskju biex jiġu inklużi impriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja flimkien mal-SMEs tista' tiġi ġġustifikata sakemm din tipprovdi inċentiv lill-investituri privati biex jinvestu f'portafoll aktar diversifikat b'possibbiltajiet aħjar ta' dħul u ta' ħruġ. L-inklużjoni ta' impriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja fil-portafoll x'aktarx li tnaqqas il-grad ta' riskju fil-livell ta' portafoll u għalhekk iżżid ir-redditu fuq l-investimenti. Għalhekk, dan jista' jkun mod partikolarment effettiv biex jiġu attirati investituri istituzzjonali għall-kumpaniji aktar riskjużi li jinsabu fl-istadju bikri.

71. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u sakemm il-valutazzjoni *ex ante* tinkludi evidenza ekonomika adegwata għal dan il-għan, jista' jkun hemm ġustifikazzjoni li jiġu appoġġati impriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-intensità tax-xogħol u tal-kapital tal-impriżi fil-mira, kif ukoll kriterji oħrajn li jirriflettu l-limitazzjonijiet speċifiċi fuq il-finanzjament li jaffettwaw impriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja (pereżempju, kollateral suffiċjenti għal self kbir).

(b) Impriżi innovattivi b'kapitalizzazzjoni medja

72. F'ċerti ċirkostanzi, l-impriżi b'kapitalizzazzjoni medja jistgħu jiffaċċjaw ukoll diffikultajiet ta' finanzjament komparabbli għal dawk li jaffettwaw lill-SMEs. Dan jista' jkun il-każ għall-impriżi b'kapitalizzazzjoni medja li jwettqu attivitajiet ta' R&Ż u innovazzjoni flimkien mal-investiment inizjali fil-faċilitajiet tal-produzzjoni, inkluża replikazzjoni tas-suq, u li r-rekord tagħhom ma jippermettix lill-investituri potenzjali jagħmlu s-suppożizzjonijiet rilevanti fir-rigward tal-prospetti futuri tas-suq tar-riżultati ta' tali attivitajiet. F'tali każijiet, l-għajnuna mill-Istat għall-finanzjament ta' riskju tista' tkun meħtieġa għall-impriżi innovattivi b'kapitalizzazzjoni medja biex iżidu l-kapaċitajiet tal-produzzjoni tagħhom għal skala sostenibbli minn fejn ikunu jistgħu jattiraw finanzjament privat waħidhom. Barra minn hekk, l-osservazzjoni fit-Taqsima 4.2.2.1.(a)) hija valida wkoll għal impriżi innovattivi b'kapitalizzazzjoni medja: l-inklużjoni tagħhom f'portafoll ta' investiment tista' tkun mezz effettiv biex intermedjarju finanzjarju joffri sett aktar diversifikat ta' opportunitajiet għall-investiment li jappellaw għal firxa usa' ta' investituri potenzjali.

(c) Impriżi li jirċievu investiment ta' finanzjament ta' riskju inizjali waqt li jkunu ilhom joperaw fi kwalunkwe suq għal aktar minn għaxar snin wara r-reġistrazzjoni tagħhom

73. Ċerti tipi ta' impriżi jistgħu jitqiesu li għadhom fl-istadji ta' espansjoni/tkabbir bikri tagħhom jekk, anki jekk ilhom jeżistu għal ammont konsiderevoli ta' żmien, dawn ikunu għadhom ma wrewx biżżejjed il-potenzjal tagħhom li jiġġeneraw redditi u/jew ma għandhomx rekord robust u kollateral biżżejjed. Dan jista' jkun il-każ f'setturi b'riskju għoli, bħall-industrija tal-bijoteknoloġija, l-industriji kulturali u kreattivi, u potenzjalment b'mod aktar ġenerali għall-SMEs innovattivi, inkluż dawk li jiffukaw

fuq it-teknoloġiji ekoloġiċi jew diġitali jew SMEs li jaħdmu fl-innovazzjoni soċjali[44]. Barra minn hekk, l-impriżi li għandhom ekwità interna suffiċjenti biex jiffinanzjaw l-attivitajiet inizjali tagħhom jistgħu jkunu jeħtieġu finanzjament estern biss fi stadju aktar tard, pereżempju biex iżidu l-kapaċitajiet tagħhom minn negozju fuq skala żgħira għal wieħed fuq skala akbar. Dan jista' jirrikjedi ammont ogħla ta' investiment minn dak li jkunu jistgħu jilħqu huma bir-riżorsi proprji tagħhom.

74. Għalhekk, jista' jkun possibbli li jiġu permessi miżuri fejn l-investiment inizjali jsir aktar minn għaxar snin wara r-reġistrazzjoni tal-impriża fil-mira[45]. F'tali ċirkostanzi, il-Kummissjoni tista' titlob li l-miżura tiddefinixxi b'mod ċar il-kategoriji ta' impriżi eliġibbli, fid-dawl tal-evidenza pprovduta fil-valutazzjoni *ex ante* dwar l-eżistenza ta' falliment speċifiku tas-suq li jaffettwa lil tali impriżi.

(d) <u>Impriżi li jeħtieġu investiment ta' finanzjament ta' riskju ta' ammont li jaqbeż il-limitu massimu stabbilit fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa</u>

75. Ir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa jistabbilixxi ammont totali massimu ta' finanzjament ta' riskju għal kull impriża eliġibbli, inkluż investimenti ta' segwitu. Madankollu, f'ċerti industriji fejn il-kostijiet tar-riċerka jew tal-investiment bil-quddiem ikunu relattivament għoljin, pereżempju fix-xjenzi tal-ħajja jew fit-teknoloġija ekoloġika jew fl-enerġija, dak l-ammont jista' ma jkunx biżżejjed biex jinkisbu ċ-ċikli tal-investiment kollha meħtieġa u biex il-kumpanija tistabbilixxi ruħha fuq perkors ta' tkabbir sostenibbli. Għalhekk, jista' jiġi ġġustifikat, f'ċerti kundizzjonijiet, li jkun permess ammont ogħla ta' investiment kumplessiv għall-impriżi eliġibbli.

76. Għalhekk, miżuri ta' finanzjament ta' riskju jistgħu jipprovdu appoġġ 'il fuq mill-ammont totali massimu, sakemm l-ammont ta' finanzjament previst fil-miżura ta' finanzjament ta' riskju jirrifletti d-daqs u n-natura tad-diskrepanza fil-finanzjament identifikata u kkwantifikata fil-valutazzjoni *ex ante* fir-rigward tas-setturi u/jew tat-territorji fil-mira. F'tali każijiet, il-Kummissjoni se tikkunsidra n-natura intensiva fil-kapital tas-setturi fil-mira u/jew il-kostijiet ogħla tal-investimenti f'ċerti żoni ġeografiċi.

(e) <u>Il-pjattaformi ta' negozjar alternattivi li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa</u>

77. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-pjattaformi ta' negozjar alternattivi huma parti importanti mis-suq tal-finanzjament tal-SMEs minħabba li jattiraw kapital ġdid fl-SMEs kif ukoll jiffaċilitaw il-ħruġ tal-investituri preċedenti[46]. Ir-Regolament għall-

---

44 Il-karattru innovattiv ta' SME għandu jiġi evalwat fid-dawl tad-definizzjoni stabbilita fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa.

45 Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fin-nota 41 f'qiegħ il-paġna.

46 Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza dejjem akbar tal-pjattaformi ta' finanzjament kollettiv sabiex jiġi attirat il-finanzjament għall-kumpaniji ġodda. Għalhekk, jekk ikun hemm falliment stabbilit tas-suq u fil-każijiet fejn pjattaforma ta' finanzjament kollettiv ikollha operatur li jkun entità ġuridika separata, il-Kummissjoni tista' tapplika, permezz ta' analoġija, ir-regoli applikabbli għall-pjattaformi ta' negozjar alternattivi. Dan japplika bl-istess mod għall-inċentivi fiskali biex isir investiment permezz ta' tali pjattaformi ta' finanzjament kollettiv. Ir-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2020 dwar fornituri Ewropej ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għan-

Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa jirrikonoxxi l-importanza tagħhom billi jiffaċilita l-attività tagħhom jew permezz ta' inċentivi fiskali mmirati lejn persuni fiżiċi li jinvestu fil-kumpaniji elenkati fuq dawk il-pjattaformi, jew billi jippermetti għajnuna tal-bidu lill-operatur tal-pjattaforma, soġġett għall-kundizzjoni li l-operatur tal-pjattaforma jikkwalifika bħala intrapriża żgħira u sa ċerti limiti minimi.

78. Madankollu, l-operaturi tal-pjattaformi ta' negozjar alternattivi mhux bilfors ikunu intrapriżi żgħar meta jiġu stabbiliti. Bl-istess mod, l-ammont massimu ta' għajnuna permessibbli bħala għajnuna tal-bidu skont ir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa jista' ma jkunx biżżejjed sabiex jappoġġa l-istabbiliment tal-pjattaforma. Barra minn hekk, sabiex jiġu attirati riżorsi suffiċjenti għall-istabbiliment u t-tnedija ta' pjattaformi ġodda, jista' jkun meħtieġ li jiġu pprovduti inċentivi fiskali lill-investituri korporattivi. Finalment, il-pjattaforma mhux biss tista' telenka l-SMEs, iżda wkoll lill-impriżi li jaqbżu l-limiti minimi stabbiliti fid-definizzjoni ta' SME.

79. Għalhekk, skont ċerti kundizzjonijiet, jista' jiġi ġġustifikat, li jkunu permessi inċentivi fiskali għall-investituri korporattivi, biex jappoġġaw l-operaturi tal-pjattaforma li ma humiex intrapriżi żgħar, jew li jiġu permessi investimenti għall-istabbiliment ta' pjattaformi ta' negozjar alternattivi li l-ammont tagħhom jaqbeż il-limiti previsti għall-għajnuna tal-bidu skont ir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, jew li tiġi permessa għajnuna lill-pjattaformi ta' negozjar alternattivi fejn il-maġġoranza tal-istrumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar jinħarġu mill-SMEs. F'tali każijiet, il-valutazzjoni *ex ante* trid turi l-eżistenza ta' falliment speċifiku tas-suq jew ostaklu rilevanti ieħor li jaffettwa tali pjattaformi fis-suq ġeografiku rilevanti.

4.2.2.2. Miżuri b'parametri ta' tfassil mhux konformi mar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa

(a) <u>L-istrumenti finanzjarji b'parteċipazzjoni ta' investitur privat taħt il-proporzjonijiet previsti fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa</u>

80. Il-fallimenti tas-suq jew ostakli rilevanti oħra li jaffettwaw lill-intrapriżi f'reġjuni jew fi Stati Membri partikolari jistgħu jkunu aktar qawwija minħabba n-nuqqas ta' żvilupp relattiv tas-suq tal-finanzi tal-SMEs fit-tali żoni meta mqabbel ma' reġjuni oħra fl-istess Stat Membru jew fi Stati Membri oħra. Dan jista' jkun il-każ b'mod partikolari fl-Istati Membri mingħajr il-preżenza stabbilita sew ta' investituri formali fil-kapital ta' riskju jew investituri informali. F'każ ta' miżuri mmirati biex jingħelbu tali ostakli strutturali, il-Kummissjoni tista' taċċetta parteċipazzjoni tal-investituri privati taħt il-proporzjonijiet previsti fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa soġġett għall-kundizzjoni fil-paragrafu 24 ta' hawn fuq.

81. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' taċċetta wkoll miżuri ta' finanzjament ta' riskju b'parteċipazzjoni ta' investituri privati taħt il-proporzjonijiet stabbiliti fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa f'każ ta' falliment tas-suq aktar evidenti jew ostaklu rilevanti ieħor kif muri mill-Istat Membru, b'mod partikolari, meta tali miżuri jkunu mmirati speċifikament lejn l-SMEs qabel l-ewwel bejgħ kummerċjali

---

negozji, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1129 u d-Direttiva (UE) 2019/1937 (ĠU L 347, 20.10.2020, p. 1), daħlu fis-seħħ fl-10 ta' Novembru 2020 u huwa mistenni li se jżidu d-disponibbiltà ta' din il-forma innovattiva ta' finanzjament.

tagħhom jew fl-istadju tal-prova tal-kunċett, dment li parti sinifikanti mir-riskji tal-investiment tkun effettivament imġarrba mill-investituri privati parteċipanti.

(b) Strumenti finanzjarji b'parametri ta' tfassil finanzjarju 'l fuq mil-limiti massimi previsti fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa

82. Il-benefiċċju tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa huwa riservat għal miżuri li bihom kondiviżjoni tat-telf mhux *pari passu* bejn l-investituri pubbliċi u dawk privati tkun imfassla b'tali mod li tillimita l-ewwel telf imġarrab mill-investitur pubbliku. B'mod simili, fil-każ tal-garanziji, l-eżenzjoni ta' kategorija tistabbilixxi limiti fuq ir-rata ta' garanzija u fuq it-telf totali mġarrab mill-investitur pubbliku.

83. Madankollu, f'ċerti ċirkostanzi, billi tittieħed pożizzjoni ta' finanzjament aktar riskjuża, il-finanzjament pubbliku jista' jippermetti lill-investituri jew lis-selliefa privati jipprovdu finanzjament addizzjonali. Fil-valutazzjoni tal-miżuri b'parametri ta' tfassil finanzjarju li jaqbżu l-limiti massimi tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, il-Kummissjoni se tqis għadd ta' fatturi kif deskritt fit-Taqsima 4.2.3.2 ta' dawn il-Linji Gwida.

(c) Strumenti finanzjarji minbarra garanziji fejn l-investituri, l-intermedjarji finanzjarji u l-maniġers tagħhom jintgħażlu billi tingħata preferenza lill-protezzjoni minn ċaqliq 'l isfelmilli lill-kondiviżjoni asimmetrika tal-profitti

84. F'konformità mar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, l-għażla tal-intermedjarji finanzjarji, kif ukoll tal-investituri jew tal-maniġers ta' fondi, trid tkun ibbażata fuq proċess miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju li jistabbilixxi b'mod ċar l-objettivi tal-politika li jridu jintlaħqu permezz tal-miżura u t-tip ta' parametri finanzjarji mfassla biex jintlaħqu tali objettivi. Dan ifisser li l-intermedjarji finanzjarji jew il-maniġers tagħhom iridu jintgħażlu permezz ta' proċedura konformi mad-Direttiva 2014/24/UE. Jekk dik id-Direttiva ma hijiex applikabbli, il-proċedura tal-għażla trid tkun b'tali mod li tiżgura l-aktar għażla wiesgħa possibbli fost l-intermedjarji finanzjarji jew il-maniġers ta' fondi kkwalifikati. B'mod partikolari, tali proċedura trid tippermetti lill-Istat Membru kkonċernat li jqabbel it-termini u l-kundizzjonijiet innegozjati bejn l-intermedjarji finanzjarji jew il-maniġers ta' fondi u l-investituri privati potenzjali sabiex jiġi żgurat li l-miżura ta' finanzjament ta' riskju tattira investituri privati bl-inqas għajnuna mill-Istat possibbli, jew bid-diverġenza minima mill-kundizzjonijiet *pari passu,* fid-dawl ta' strateġija tal-investiment realistika.

85. F'konformità mar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, il-kriterji applikabbli għall-għażla tal-maniġers iridu jinkludu rekwiżit li bih, għal strumenti oħrajn għajr il-garanziji, "*il-qsim tal-profitt jingħata preferenza fuq il-protezzjoni minn ċaqliq 'l isfel, għall-investimenti aktar milli għall-garanziji*" sabiex jiġi limitat preġudizzju lejn teħid ta' riskju eċċessiv mill-maniġer li jagħżel l-impriżi fejn isir l-investiment. Dan huwa maħsub biex jiżgura li, tkun xi tkun il-forma tal-istrument finanzjarju previst mill-miżura, kwalunkwe trattament preferenzjali mogħti lill-investituri jew lis-selliefa privati jrid jiġi ppeżat kontra l-interess pubbliku li jikkonsisti fl-iżgurar tan-natura rotatorja tal-kapital pubbliku impenjat u s-sostenibbiltà finanzjarja fit-tul tal-miżura.

86. F'ċerti każi, madankollu, jista' jkun meħtieġ li tingħata preferenza lil protezzjoni minn ċaqliq 'l isfel, prinċipalment meta l-miżura timmira lejn ċerti setturi li fihom ir-rata ta' inadempjenza tal-SMEs tkun għolja. Dan jista' jkun il-każ għal miżuri li jimmiraw lejn l-SMEs qabel l-ewwel bejgħ kummerċjali tagħhom jew fl-istadju ta' prova tal-kunċett tagħhom, setturi li qed jiffaċċaw ostakli teknoloġiċi importanti, jew setturi li fihom il-kumpaniji għandhom dipendenza għolja fuq proġetti uniċi li jeħtieġu investiment kbir bil-quddiem u li jinvolvu skopertura għolja għar-riskju, bħalma huma l-industriji kulturali u dawk kreattivi. Preferenza għal mekkaniżmi ta' protezzjoni minn ċaqliq 'l isfel tista' tiġi ġġustifikata wkoll għall-miżuri li joperaw permezz ta' fond ta' fondi u li għandhom l-għan li jattiraw investituri privati f'dak il-livell.

(d) <u>Inċentivi fiskali għal investituri korporattivi inkluż intermedjarji finanzjarji jew il-maniġers tagħhom li jaġixxu bħala koinvestituri</u>

87. Filwaqt li r-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa jkopri l-inċentivi fiskali mogħtija lil investituri privati indipendenti li huma persuni fiżiċi li jipprovdu l-finanzjament ta' riskju direttament jew indirettament lill-SMEs eliġibbli, l-Istati Membri jistgħu jsibu li huwa xieraq li jdaħħlu fis-seħħ miżuri li japplikaw inċentivi simili għall-investituri korporattivi. Id-differenza qiegħda fil-fatt li l-investituri korporattivi huma impriżi fis-sens tal-Artikolu 107 tat-Trattat. Il-miżura trid għalhekk tkun soġġetta għal restrizzjonijiet speċifiċi sabiex jiġi żgurat li l-għajnuna fil-livell tal-investituri korporattivi tibqa' proporzjonata u jkollha effett ta' inċentiv reali.

88. L-intermedjarji finanzjarji u l-maniġers tagħhom jistgħu jibbenefikaw minn inċentiv fiskali biss sakemm jagixxu bħala koinvestituri jew koselliefa. Ma jista' jingħata ebda inċentiv fiskali fir-rigward tas-servizzi mogħtija mill-intermedjarju finanzjarju jew mill-maniġers tiegħu għall-implimentazzjoni tal-miżura.

4.2.3. L-adegwatezza tal-miżura ta' għajnuna

89. Il-miżura ta' għajnuna proposta trid tkun strument ta' politika xieraq biex jintlaħaq l-objettiv maħsub tal-għajnuna, jiġifieri ma jridx ikun hemm strument ta' politika jew strument ta' għajnuna f'pożizzjoni aħjar u li joħloq inqas distorsjoni li kapaċi jikseb l-istess eżitu.

4.2.3.1. L-adegwatezza meta mqabbla ma' strumenti ta' politika oħra u ma' strumenti ta' għajnuna oħra

90. Sabiex jiġi indirizzat il-falliment tas-suq identifikat jew ostaklu rilevanti ieħor u biex tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi ta' politika segwiti mill-miżura, il-miżura ta' finanzjament ta' riskju proposta trid tkun strument xieraq, filwaqt li fl-istess ħin tkun l-inqas waħda li tfixkel il-kompetizzjoni. L-għażla tal-forma speċifika tal-miżura ta' finanzjament ta' riskju trid tkun debitament iġġustifikata abbażi tal-evidenza pprovduta mill-Istat Membru fil-valutazzjoni *ex ante*.

91. Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni se tikkunsidra jekk u sa liema punt il-miżura ta' finanzjament ta' riskju tista' titqies bħala strument xieraq meta mqabbel ma' strumenti ta' politika oħrajn immirati biex jinkoraġġixxu l-għoti ta' finanzjament ta' riskju lill-impriżi eliġibbli. L-għajnuna mill-Istat mhijiex l-uniku strument ta' politika disponibbli għall-Istati Membri biex jiffaċilitaw il-forniment tal-

finanzjament ta' riskju lill-impriżi eliġibbli. L-Istati Membri jistgħu jużaw għodod ta' politika komplimentari oħrajn kemm fuq in-naħa tal-provvista kif ukoll fuq in-naħa tad-domanda, bħal miżuri regolatorji biex jiffaċilitaw il-funzjonament tas-swieq finanzjarji, miżuri biex jitjieb l-ambjent tan-negozju, servizzi konsultattivi għall-prontezza tal-investiment jew l-investimenti pubbliċi f'konformità mat-test tal-operatur tal-ekonomija tas-suq.

92. Bħala t-tieni pass, il-Kummissjoni se tikkunsidra jekk il-miżura proposta hijiex aktar xierqa minn strumenti alternattivi ta' għajnuna mill-Istat li jindirizzaw l-istess falliment tas-suq jew ostakli rilevanti oħrajn. F'dan ir-rigward, hemm preżunzjoni ġenerali li l-istrumenti finanzjarji joħolqu inqas distorsjoni minn għotjiet diretti u għalhekk jikkostitwixxu strument aktar xieraq. Madankollu, l-għajnuna mill-Istat biex tiffaċilita l-għoti ta' finanzjament ta' riskju tista' tingħata f'diversi forom, bħal strumenti fiskali selettivi jew strumenti finanzjarji subkummerċjali, inkluż firxa ta' strumenti ta' ekwità, dejn jew garanzija b'karatteristiċi differenti ta' riskji u gwadanji, kif ukoll diversi modi ta' għoti u strutturi ta' finanzjament, li l-adegwatezza tagħhom tiddependi fuq in-natura tal-impriżi fil-mira u d-diskrepanza fil-finanzjament. Għalhekk, il-Kummissjoni se tivvaluta jekk it-tfassil tal-miżura jipprevedix struttura ta' finanzjament effiċjenti, filwaqt li tqis l-istrateġija tal-investiment tal-fond, sabiex tiżgura operazzjonijiet sostenibbli.

93. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni se tħares b'mod pożittiv lejn miżuri li jinvolvu fondi kbar biżżejjed f'termini ta' daqs tal-portafoll, il-kopertura ġeografika, b'mod partikolari jekk joperaw f'diversi Stati Membri, u d-diversifikazzjoni tal-portafoll, minħabba li tali fondi jistgħu jkunu aktar effiċjenti u għalhekk aktar attraenti għall-investituri privati, meta mqabbla ma' fondi iżgħar. Ċerti strutturi tal-fond ta' fondi jistgħu jissodisfaw dawk il-kundizzjonijiet sakemm il-kostijiet globali tal-ġestjoni li jirriżultaw mil-livelli differenti ta' intermedjazzjoni jiġu paċuti minn gwadanji sostanzjali fl-effiċjenza.

4.2.3.2. Il-kundizzjonijiet għad-determinazzjoni tal-adegwatezza tal-istrumenti finanzjarji

94. Sabiex tiġi ddeterminata l-adegwatezza tal-istrumenti finanzjarji li l-parametri ta' tfassil tagħhom jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 95 sa 119 ta' dawn il-Linji Gwida.

95. L-ewwel, il-miżura trid timmobilizza l-finanzjament addizzjonali mill-parteċipanti fis-suq. Il-proporzjonijiet minimi ta' investiment privat inqas minn dawk stabbiliti fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa jistgħu jiġu ġġustifikati biss fid-dawl ta' falliment tas-suq aktar qawwi jew ostaklu rilevanti ieħor stabbilit fil-valutazzjoni *ex ante* (ara t-Taqsima 4.2.1). F'dan ir-rigward, il-valutazzjoni *ex ante* teħtieġ li, barra minn hekk, tipprovdi valutazzjoni dettaljata tal-livell u tal-istruttura tal-provvista ta' finanzjament privat għat-tip ta' impriża eliġibbli fiż-żona ġeografika rilevanti (ara l-paragrafu 62). Barra minn hekk, irid jintwera li l-miżura tingrana riżorsi privati addizzjonali li kieku ma kinux jiġu pprovduti jew li kienu jiġu pprovduti f'forom jew f'ammonti differenti jew b'termini differenti.

96. Fil-każ ta' miżuri ta' finanzjament ta' riskju mmirati speċifikament lejn l-SMEs li ma kienu qed joperaw f'ebda suq, il-Kummissjoni tista' taċċetta li l-livell meħtieġ ta' parteċipazzjoni privata jkun aktar baxx mill-proporzjonijiet meħtieġa. Alternattivament, għal tali miri ta' investiment, il-Kummissjoni tista' taċċetta li l-

parteċipazzjoni privata ma tkunx independenti fin-natura tagħha, jiġifieri, pereżempju tkun ipprovduta mis-sid tal-impriża benefiċjarja. F'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni tista' taċċetta wkoll livelli ta' parteċipazzjoni privata aktar baxxi minn dawk stabbiliti fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa fir-rigward ta' impriżi eliġibbli li jkunu ilhom joperaw f'suq għal inqas minn għaxar snin wara r-reġistrazzjoni tagħhom, fid-dawl tal-evidenza ekonomika pprovduta fil-valutazzjoni *ex ante* fir-rigward tal-falliment tas-suq rilevanti jew ostaklu rilevanti ieħor.

97. Miżura ta' finanzjament ta' riskju li timmira lil impriżi eliġibbli li jkunu ilhom joperaw f'suq għal aktar minn għaxar snin wara r-reġistrazzjoni tagħhom[47] meta jsir l-ewwel investiment ta' finanzjament ta' riskju, trid tinkludi restrizzjonijiet adegwati kemm f'termini ta' limiti ta' żmien jew ta' kriterji oġġettivi oħrajn ta' natura kwalitattiva relatati mal-istadju ta' żvilupp tal-impriżi fil-mira. Għal tali miri ta' investiment, il-Kummissjoni normalment tkun tirrikjedi proporzjon minimu ta' parteċipazzjoni privata ta' 60 %.

98. It-tieni, flimkien mal-livell propost ta' parteċipazzjoni privata, il-Kummissjoni se tqis ukoll il-bilanċ tar-riskji u l-gwadanji bejn l-investituri pubbliċi u dawk privati. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni se tqis b'mod pożittiv il-miżuri li bihom it-telf jiġi kondiviż *pari passu* bejn l-investituri, u fejn l-investituri privati jirċievu biss inċentivi pożittivi. Fil-prinċipju, aktar ma l-kondiviżjoni tar-riskji u tal-gwadanji tkun tqarreb lejn il-prattiki kummerċjali reali, aktar ikun probabbli li l-Kummissjoni taċċetta livell aktar baxx ta' parteċipazzjoni privata.

99. It-tielet, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-livell tal-istruttura tal-finanzjament li fih il-miżura għandha l-għan li tingrana l-investiment privat. Fil-livell tal-fond ta' fondi, il-kapaċità li jiġi attirat finanzjament privat tista' tiddependi fuq użu aktar estensiv ta' mekkaniżmi ta' protezzjoni minn telf possibbli. Għall-kuntrarju ta' dan, dipendenza eċċessiva fuq tali mekkaniżmi tista' toħloq distorsjoni fl-għażla ta' impriżi eliġibbli u twassal għal eżiti ineffiċjenti fejn l-investituri privati jintervjenu fil-livell tal-investiment fl-impriżi u fuq bażi ta' tranżazzjoni, tranżazzjoni.

100. Fil-valutazzjoni tal-adegwatezza tat-tfassil speċifiku tal-miżura, il-Kummissjoni tista' tqis l-importanza tar-riskju residwu miżmum mill-investituri privati magħżula meta mqabbel mat-telf mistenni u dak mhux mistenni preżunt mill-investitur pubbliku, kif ukoll il-bilanċ tar-redditi mistennija bejn l-investitur pubbliku u l-investituri privati. Għalhekk, profil differenti tar-riskji u tal-gwadanji jista' jkun aċċettat jekk dan jimmassimizza l-ammont ta' investiment privat, mingħajr ma jfixkel il-karattru ġenwin tad-deċiżjonijiet tal-investiment immotivati mill-profitti.

101. Ir-raba', in-natura eżatta tal-inċentivi trid tiġi ddeterminata permezz ta' proċess miftuħ u mhux diskriminatorju għall-għażla tal-intermedjarji finanzjarji, kif ukoll għall-maniġers ta' fondi jew għall-investituri. Bl-istess mod, il-maniġers tal-fond ta' fondi jenħtieġ li jkunu meħtieġa li bħala parti mill-mandat ta' investiment tagħhom, legalment jimpenjaw ruħhom li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet preferenzjali li jistgħu japplikaw fil-livell tas-subfondi, permezz ta' proċess kompetittiv għall-għażla tal-intermedjarji finanzjarji, tal-maniġers ta' fondi jew tal-investituri eliġibbli.

[47] Soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati fin-nota 33 f'qiegħ il-paġna.

102. Sabiex tingħata prova tal-ħtieġa tal-kundizzjonijiet speċifiċi li huma l-bażi tat-tfassil tal-miżura, l-Istati Membri jistgħu jkunu meħtieġa jipproduċu evidenza li turi li, fil-proċess tal-għażla tal-investituri privati, il-parteċipanti kollha fil-proċess kienu qegħdin jitolbu kundizzjonijiet li ma jkunux koperti mir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, jew li s-sejħa għall-offerti ma kinitx konkluživa.

103. Il-ħames, l-intermedjarju finanzjarju jew il-maniġer ta' fond jista' jikkoinvesti flimkien mal-Istat Membru, sakemm meta jagħmel dan jevita kwalunkwe kunflitt ta' interess potenzjali. L-intermedjarju finanzjarju jrid jieħu mill-inqas 10 % tal-biċċa mill-ewwel telf. Tali koinvestiment jista' jikkontribwixxi biex jiżgura li d-deċiżjonijiet ta' investiment ikunu allinjati mal-miri ta' politika rilevanti. Il-kapaċità tal-maniġer li jipprovdi investiment mir-riżorsi proprji tiegħu tista' tkun wieħed mill-kriterji tal-għażla.

104. Is-sitt punt, miżuri ta' finanzjament ta' riskju li jagħmlu użu minn strumenti ta' dejn iridu jipprevedu mekkaniżmu li jiżgura li l-intermedjarju finanzjarju jgħaddi l-vantaġġ li jirċievi mill-Istat lill-impriżi benefiċjarji finali, pereżempju fil-forma ta' rati tal-imgħax aktar baxxi, rekwiżiti tal-kollateral imnaqqsa jew kombinazzjoni tat-tnejn. L-intermedjarju finanzjarju jista' wkoll jgħaddi l-vantaġġ billi jinvesti f'impriżi li, għalkemm huma potenzjalment vijabbli skont il-kriterji interni ta' klassifikazzjoni tal-intermedjarju finanzjarju, ikunu fi klassi ta' riskju fejn l-intermedjarju ma jinvestix fin-nuqqas ta' miżura ta' finanzjament ta' riskju. Il-mekkaniżmu ta' trasferiment irid jinkludi arranġamenti ta' monitoraġġ adegwati, kif ukoll mekkaniżmu ta' rkupru[48] jew mekkaniżmu kuntrattwali ekwivalenti.

105. Fl-aħħar nett, sabiex jiġi żgurat li l-intermedjarji finanzjarji involuti fil-miżura ta' finanzjament tar-riskju jwettqu l-objettivi rilevanti, l-istrateġija ta' investiment tal-intermedjarju finanzjarju trid tiġi allinjata mal-objettivi tal-miżura. Bħala parti mill-proċess tal-għażla, l-intermedjarji finanzjarji jridu juru kif l-istrateġija tal-investiment proposta tagħhom tista' tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi u l-miri. Barra minn hekk, l-Istat Membru jrid jiżgura li l-istrateġija tal-investiment tal-intermedjarji tibqa' dejjem allinjata mal-miri maqbula, pereżempju permezz ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' rapportar xierqa u tal-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-investituri pubbliċi fil-korpi ta' rappreżentanza tal-intermedjarju finanzjarju, bħall-bord superviżorju jew il-bord konsultattiv. L-istruttura ta' governanza xierqa trid tiżgura li l-bidliet materjali fl-istrateġija tal-investiment ikunu jeħtieġu l-kunsens minn qabel tal-Istat Membru. Biex jiġi evitat kwalunkwe dubju, l-Istat Membru ma jistax jipparteċipa direttament f'deċiżjonijiet individwali dwar l-investiment u l-iżvestiment.

106. L-Istati Membri jistgħu jużaw firxa ta' strumenti finanzjarji bħala parti mill-miżura ta' finanzjament ta' riskju, bħal strumenti ta' investiment ta' ekwità u ta' kważi ekwità, strumenti ta' self jew garanziji fuq bażi mhux *pari passu*. Il-paragrafi 107 sa 119 jistabbilixxu l-elementi li l-Kummissjoni se tqis fil-valutazzjoni tagħha ta' tali strumenti finanzjarji speċifiċi.

---

48 Mekkaniżmu ta' rkupru jew mekkaniżmu kuntrattwali ekwivalenti jfisser arranġament li skontu intermedjarju jrid jirritorna vantaġġ miksub mill-Istat li jkun naqas milli jgħaddi lill-benefiċjarju finali kif meħtieġ.

(a) L-investimenti ta' ekwità

107. L-istrumenti ta' investiment ta' ekwità jistgħu jieħdu l-forma ta' investimenti ta' ekwità jew kważi ekwità f'impriża, li permezz tagħhom l-investitur jixtri s-sjieda (parti minnha) ta' dik l-impriża.

108. L-istrumenti ta' ekwità jista' jkollhom diversi karatteristiċi asimmetriċi, li jipprovdu trattament divrenzjat tal-investituri minħabba li xi wħud jistgħu jipparteċipaw aktar fir-riskji u fil-gwadanji minn oħrajn. Biex ittaffi r-riskji tal-investituri privati, il-miżura tista' toffri protezzjoni pożittiva (l-investitur pubbliku jċedi parti mir-redditu) jew il-protezzjoni kontra parti mit-telf (limitazzjoni tat-telf għall-investitur privat) jew kombinazzjoni tat-tnejn.

109. Il-Kummissjoni tqis li inċentivi pożittivi joħolqu allinjament aħjar tal-interessi bejn l-investituri pubbliċi u dawk privati. Min-naħa l-oħra, il-protezzjoni minn telf possibbli fejn l-investitur pubbliku jista' jiġi espost għar-riskju ta' prestazzjoni ħażina, tista' twassal għal allinjament ħażin tal-interessi u għażla avversa mill-intermedjarji finanzjarji jew l-investituri.

110. Il-Kummissjoni tqis li l-istrumenti ta' ekwità b'redditu limitat[49], opzjoni eżerċitabbli[50] u qsim tal-flus minħabba introjtu asimmetriku[51] joffru inċentivi tajba, speċjalment f'sitwazzjonijiet ikkaratterizzati minn falliment tas-suq inqas sever.

111. L-istrumenti ta' ekwità b'karatteristiċi ta' kondiviżjoni tat-telf mhux *pari passu* li jmorru lil hinn mil-limiti stabbiliti fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa jistgħu jiġu ġġustifikati biss għal miżuri li jindirizzaw fallimenti tas-suq severi jew ostakli rilevanti oħrajn identifikati fil-valutazzjoni *ex ante*, bħal miżuri mmirati l-aktar għall-SMEs qabel l-ewwel bejgħ kummerċjali tagħhom jew fl-istadju ta' prova tal-kunċett. Biex tiġi evitata protezzjoni estensiva mir-riskju ta' telf possibbli, l-ewwel parti tat-telf imġarrba mill-investitur pubbliku trid tkun limitata.

(b) Strumenti ta' dejn iffinanzjati: self

112. Il-miżura ta' finanzjament ta' riskju tista' tkopri l-għoti ta' self fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji jew tal-benefiċjarji finali.

113. L-istrumenti ta' dejn iffinanzjati jistgħu jieħdu forom differenti, inkluż self subordinat u self b'kondiviżjoni tar-riskju tal-portafoll. Is-self subordinat jista' jingħata lill-intermedjarji finanzjarji biex isaħħu l-istruttura kapitali tagħhom, bil-għan li jkunu jistgħu jipprovdu finanzjament addizzjonali lill-impriżi eliġibbli. Is-self b'kondiviżjoni tar-riskju tal-portafoll huwa mfassal biex jipprovdi self lill-intermedjarji finanzjarji li jimpenjaw ruħhom li jikkofinanzjaw portafoll ta' self ġdid

---

49 Redditu limitat għall-investitur pubbliku b'ċerta rata ta' minima definita minn qabel: jekk ir-rata ta' redditu definita minn qabel tinqabeż, ir-redditi kollha 'l fuq mir-rata jitqassmu lill-investituri privati biss.

50 Opzjonijiet eżerċitabbli fuq l-ishma pubbliċi: l-investituri privati jingħataw id-dritt li jeżerċitaw opzjoni eżerċitabbli biex jakkwistaw is-sehem tal-investiment pubbliku bi prezz tal-eżerċitar li jsir qbil dwaru minn qabel.

51 Qsim asimmetriku tal-flus mill-introjtu: il-flus jittieħdu kemm mill-investituri pubbliċi kif ukoll privati fuq bażi ta' *pari passu*, iżda r-redditi jiġu kondiviżi, kull meta jirriżultaw, b'mod asimmetriku. L-investituri privati jirċievu sehem akbar tar-rikavat tad-distribuzzjoni minn dak li jenħtieġ li jirċievu skont il-parteċipazzjonii rispettiva tagħhom, sar-rata minima definita minn qabel.

jew lokazzjonijiet lil impriżi eliġibbli sa ċerta rata ta' kofinanzjament flimkien ma' kondiviżjoni tar-riskju tal-kreditu tal-portafoll skont is-selfa (jew lokazzjoni). Fiż-żewġ każijiet, l-intermedjarju finanzjarju jaġixxi bħala koinvestitur fl-impriżi eliġibbli iżda jgawdi minn trattament preferenzjali meta mqabbel mal-investitur jew mas-sellief pubbliku minħabba li l-istrument jimmitiga l-iskopertura tiegħu stess għar-riskji ta' kreditu li tirriżulta mill-portafoll tas-self sottostanti.

114. B'mod ġenerali, fejn il-karatteristiċi ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-istrument jwasslu lill-investitur pubbliku jew lis-sellief biex jassumi, fir-rigward tal-portafoll tas-self sottostanti, pożizzjoni tal-ewwel telf li taqbeż il-limitu massimu stabbilit mir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, il-miżura tista' tiġi ġġustifikata biss fil-każ ta' falliment tas-suq sever jew ostaklu rilevanti ieħor li jrid jiġi identifikat b'mod ċar fil-valutazzjoni *ex ante*. Il-Kummissjoni se tikkunsidra b'mod pożittiv il-miżuri li jipprovdu limitu massimu espliċitu fuq l-ewwel telf preżunt mill-investitur pubbliku, b'mod partikolari meta tali limitu massimu ma jaqbiżx il-35 %.

115. L-istrumenti ta' self b'kondiviżjoni tar-riskju tal-portafoll tas-self jenħtieġ li jiżguraw rata ta' koinvestiment sostanzjali mill-intermedjarju finanzjarju magħżul. Dan huwa preżunt li huwa l-każ jekk tali rata ma tkunx aktar baxxa minn 30 % tal-valur tal-portafoll tas-self sottostanti.

(c) <u>Strumenti ta' dejn mhux iffinanzjati: garanziji</u>

116. Miżura ta' finanzjament ta' riskju tista' tkopri l-għoti ta' garanziji jew ta' kontrogaranziji lill-intermedjarji finanzjarji, jew garanziji lill-benefiċjarji finali, jew kombinazzjoni tat-tnejn. It-tranżazzjonijiet eliġibbli koperti mill-garanzija jridu jkunu tranżazzjonijiet ta' self eliġibbli għall-finanzjament ta' riskju oriġinati ġodda, inkluż strumenti ta' lokazzjoni, kif ukoll strumenti ta' investiment ta' kważi ekwità, bl-esklużjoni ta' strumenti ta' ekwità.

117. Il-garanziji jenħtieġ li jiġu pprovduti fuq bażi tal-portafoll. L-intermedjarji finanzjarji jistgħu jagħżlu t-tranżazzjonijiet li jixtiequ jinkludu fil-portafoll kopert mill-garanzija, sakemm it-tranżazzjonijiet inklużi jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà kif definiti mill-miżura ta' finanzjament ta' riskju. Il-garanziji jenħtieġ li jiġu offruti b'rata li tiżgura livell xieraq ta' kondiviżjoni tar-riskji u tal-gwadanji mal-intermedjarji finanzjarji. B'mod partikolari, f'każijiet debitament iġġustifikati u soġġetta għar-riżultati tal-valutazzjoni *ex ante*, ir-rata tal-garanzija tista' tkun ogħla mir-rata massima prevista fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, iżda ma tridx taqbeż id-90 %. Dan jista' jkun il-każ għall-garanziji fuq is-self jew l-investimenti ta' kważi ekwità fl-SMEs qabel l-ewwel bejgħ kummerċjali tagħhom jew fl-istadju tal-prova tal-kunċett.

118. Fil-każ ta' garanziji limitati, ir-rata ta' limitu massimu fil-prinċipju jenħtieġ li tkopri biss it-telf mistenni. Jekk din tkopri wkoll it-telf mhux mistenni, dan tal-aħħar jenħtieġ li jkun ipprezzat f'livell li jirrifletti l-kopertura addizzjonali tar-riskju. B'mod ġenerali, jenħtieġ li r-rata massima ma taqbiżx il-35 %. Garanziji mhux limitati (garanziji b'rata ta' garanzija, iżda mingħajr rata massima) jistgħu jiġu pprovduti f'każijiet debitament ġustifikati u jiġu pprezzati b'tali mod li jkunu jirriflettu l-kopertura tar-riskju addizzjonali pprovduta mill-garanzija.

119. Id-durata tal-garanzija jenħtieġ li tkun limitata fiż-żmien, normalment sa massimu ta' għaxar snin, mingħajr preġudizzju għall-maturità tal-istrumenti ta' dejn individwali

koperti mill-garanzija, li tista' tkun itwal. Il-garanzija trid titnaqqas jekk l-intermedjarju finanzjarju ma jinkludix ammont minimu ta' investiment fil-portafoll matul perjodu speċifiku. Iridu jkunu meħtieġa tariffi ta' impenn għall-ammonti li ma jintużawx. Jistgħu jintużaw metodi bħal tariffi ta' impenn, avvenimenti ta' skattar jew avvenimenti importanti sabiex jinċentivaw lill-intermedjarji sabiex jilħqu l-volumi maqbula.

4.2.3.3. Il-kundizzjonijiet għad-determinazzjoni tal-adegwatezza tal-inċentivi fiskali

120. Kif indikat fit-Taqsima 4.2.2.2, il-punt (d), il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa huwa limitat għall-inċentivi fiskali li huma mmirati lejn investituri li huma persuni fiżiċi. Għalhekk, il-miżuri li jużaw inċentivi fiskali sabiex iħeġġu lill-investituri korporattivi jipprovdu finanzjament lill-impriżi eliġibbli, direttament jew indirettament permezz tal-akkwist ta' ishma f'fond iddedikat jew f'tipi oħrajn ta' mezzi ta' investiment li jinvestu f'tali impriżi, huma soġġetti għal notifika lill-Kummissjoni.

121. Bħala regola ġenerali, l-Istati Membri għandhom jibbażaw il-miżuri ta' għajnuna fiskali tagħhom fuq is-sejbiet ta' falliment tas-suq jew ostaklu rilevanti ieħor fil-valutazzjoni *ex ante*, u għalhekk jimmiraw l-istrument tagħhom lejn kategorija definita sew ta' impriżi eliġibbli.

122. L-inċentivi fiskali biex jiġu inkorprati l-investituri jistgħu jieħdu l-forma ta' ħelsien mit-taxxa fuq l-introjtu u/jew ħelsien mit-taxxa fuq il-qligħ kapitali u d-dividendi, inklużi l-krediti tat-taxxa u d-diferimenti. Fil-prattika tagħha ta' eżekuzzjoni, il-Kummissjoni ġeneralment ikkunsidrat bħala xieraq il-ħelsien mit-taxxa fuq l-introjtu li jkun fih limiti speċifiċi fuq il-perċentwal tal-ammont investit li l-investitur jista' jitlob għal skopijiet ta' ħelsien mit-taxxa, kif ukoll bħal ammont massimu ta' ħelsien mit-taxxa li jista' jitnaqqas minn obbligazzjonijiet tat-taxxa tal-investitur. Barra minn hekk, l-obbligazzjoni tat-taxxa fuq il-qligħ kapitali maċ-ċessjoni ta' ishma tista' tkun diferita jekk tiġi investita mill-ġdid f'investimenti eliġibbli f'ċertu perjodu, filwaqt li t-telf li jirriżulta mat-trasferiment ta' tali ishma jista' jitnaqqas mill-profitti akkumulati minn ishma oħra soġġetti għall-istess taxxa.

123. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni tqis dak it-tip ta' miżuri fiskali xierqa jekk l-Istat Membru jista' jipproduċi evidenza li turi li l-għażla tal-impriżi eleġibbli hija bbażata fuq sett strutturat tajjeb ta' rekwiżiti ta' investiment, li jsir pubbliku permezz ta' pubbliċità xierqa, u li jistabbilixxi l-karatteristiċi tal-impriżi eleġibbli li huma soġġetti għal falliment muri tas-suq jew għal ostaklu rilevanti ieħor.

124. Mingħajr preġudizzju għall-possibilità li l-miżura tittawwal, l-iskemi fiskali jrid ikollhom durata massima ta' għaxar snin. Jekk, l-Istat Membru jipproponi li jestendi miżura għal durata totali ta' aktar minn għaxar snin (inkluż skemi predeċessuri, jekk ikun hemm), dan irid iwettaq valutazzjoni *ex ante* ġdida, flimkien ma' evalwazzjoni tal-effettività tal-iskema matul il-perjodu kollu tal-implimentazzjoni tagħha.

125. Fl-analiżi tagħha, il-Kummissjoni se tqis il-karatteristiċi speċifiċi tas-sistema fiskali nazzjonali rilevanti u l-inċentivi fiskali li diġà jeżistu fl-Istat Membru, kif ukoll l-interazzjoni bejn dawk l-inċentivi.

126. Il-vantaġġ fiskali jrid ikun miftuħ għall-investituri kollha li jissodisfaw il-kriterji applikabbli, mingħajr diskriminazzjoni fir-rigward tal-post ta' stabbiliment tagħhom. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw pubbliċità adegwata fir-rigward tal-

kamp ta' applikazzjoni u tal-parametri teknići tal-miżura. Dawn jenħtieġ li jinkludu l-livelli u l-limiti massimi rilevanti li jiddeterminaw il-vantaġġ massimu li jista' jieħu kull investitur individwali mill-miżura, kif ukoll l-ammont ta' investiment massimu li jista' jsir f'impriżi eliġibbli individwali.

4.2.3.4. Il-kundizzjonijiet għal miżuri li jappoġġaw il-pjattaformi ta' negozjar alternattivi

127. Fir-rigward ta' miżuri ta' għajnuna li jappoġġaw pjattaformi ta' negozjar alternattivi lil hinn mil-limiti stabbiliti fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, l-operatur tal-pjattaforma jrid jipprovdi pjan ta' direzzjoni tan-negozju li juri li l-pjattaforma megħjuna tista' issir awtosostenibbli f'inqas minn għaxar snin. Barra minn hekk, ix-xenarji kontrofattwali plawżibbli jridu jiġu pprovduti fin-notifika, li tqabbel is-sitwazzjonijiet li fihom jiġu kkonfrontati l-impriżi kummerċjabbli li kieku l-pjattaforma ma kinitx teżisti, f'termini tal-aċċess għall-finanzjament meħtieġ.

128. Il-Kummissjoni se tħares b'mod favorevoli lejn pjattaformi ta' negozjar alternattivi stabbiliti minn diversi Stati Membri u li joperaw f'diversi Stati Membri, minħabba li dawn jistgħu jkunu partikolarment effiċjenti u attraenti għall-investituri privati, b'mod partikolari għall-investituri istituzzjonali.

129. Għall-pjattaformi eżistenti, l-istrateġija ta' negozju proposta tal-pjattaforma trid turi li, minħabba nuqqas persistenti ta' elenkar, u għalhekk nuqqas ta' likwidità, il-pjattaforma kkonċernata jeħtieġ li tiġi appoġġata għal perjodu ta' żmien qasir, minkejja l-vijabbiltà fit-tul tagħha. Il-Kummissjoni se tqis b'mod pożittiv għajnuna għall-istabbiliment ta' pjattaforma ta' negozjar alternattiva fl-Istati Membri fejn ma teżisti l-ebda tali pjattaforma. Meta l-pjattaforma ta' negozjar alternattiva li tkun se tiġi appoġġata tkun sottopjattaforma jew sussidjarja ta' borża tal-kambju eżistenti, il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari għall-valutazzjoni ta' nuqqas ta' finanzjament li tiffaċċja tali sottopjattaforma.

4.2.4. Proporzjonalità tal-għajnuna

130. L-għajnuna mill-Istat trid tkun proporzjonata meta mqabbla mal-falliment tas-suq jew ma' ostaklu rilevanti ieħor, li hija tkun maħsuba li tindirizza sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' politika rilevanti. Din trid tkun imfassla b'mod kosteffiċjenti, f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda. Għalhekk, sabiex kwalunkwe miżura ta' għajnuna għall-finanzjament ta' riskju tkun tista' titqies bħala proporzjonata, l-għajnuna trid tkun limitata għall-minimu strett meħtieġ sabiex jiġi attirat il-finanzjament mis-suq biex jingħeleb il-falliment tas-suq jew l-ostaklu rilevanti l-ieħor, mingħajr ma jiġu ġġenerati vantaġġi mhux dovuti.

131. Bħala regola ġenerali, fil-livell tal-benefiċjarji finali, l-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju titqies bħala proporzjonata jekk l-investiment ta' finanzjament ta' riskju għal kull benefiċjarju eliġibbli ma jaqbiżx il-limitu massimu stabbilit fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa u jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima. Għal miżuri ta' finanzjament ta' riskju fejn l-investiment ta' finanzjament ta' riskju għal kull benefiċjarju eliġibbli jaqbeż il-limitu massimu stabbilit fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, l-investiment ta' finanzjament ta' riskju ogħla għal kull benefiċjarju irid ikun ukoll proporzjonat għad-daqs tad-diskrepanza fil-finanzjament ikkwantifikata fil-valutazzjoni *ex ante* (ara l-paragrafu 63).

132. Fil-livell tal-investituri, l-għajnuna trid tkun limitata għall-minimu meħtieġ sabiex jiġi attirat il-kapital privat bil-għan li jinkiseb l-effett ta' ingranaġġ minimu tar-riżorsi privati u jiġi indirizzat il-falliment tas-suq jew ostaklu rilevanti ieħor.

4.2.4.1. Il-kundizzjonijiet għall-istrumenti finanzjarji

Għażla tal-benefiċjarji eliġibbli finali

133. L-intermedjarji finanzjarji jridu jagħżlu l-benefiċjarji eliġibbli finali abbażi ta' strateġija tal-investiment kummerċjalment soda (ara l-paragrafu 68) u pjan ta' direzzjoni tan-negozju vijabbli li jiġġustifika l-ammont ta' finanzjament ta' riskju li għandu jiġi pprovdut. Dawn il-kundizzjonijiet huma salvagwardja ulterjuri biex jiġi żgurat li l-għajnuna hija meħtieġa u proporzjonata.

134. Il-miżura trid tiżgura li jkun hemm bilanċ bejn il-kundizzjonijiet preferenzjali offruti minn strument finanzjarju sabiex jiġi massimizzat l-effett ta' ingranaġġ tar-riżorsi privati waqt li tindirizza l-falliment tas-suq identifikat jew ta' ostaklu rilevanti ieħor u l-ħtieġa għall-istrument li jiġġenera redditi finanzjarji suffiċjenti biex jibqa' operazzjonalment vijabbli.

135. In-natura eżatta u l-valur tal-inċentivi jridu jiġu determinati permezz ta' proċess tal-għażla miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju, li fil-kuntest tiegħu, l-intermedjarji finanzjarji, kif ukoll il-maniġers ta' fondi jew l-investituri jintalbu jippreżentaw offerti li jikkompetu.

136. Il-Kummissjoni tqis li fejn ikunu stabbiliti xi redditi aġġustati għar-riskju jew kondiviżjoni tat-telf assimetriċi permezz ta' tali proċess, l-istrument finanzjarju għandu jitqies bħala proporzjonat u li jirrifletti FRR. Fejn il-maniġers ta' fondi jintgħażlu permezz ta' proċess miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju li jeħtieġ li l-applikanti jippreżentaw il-bażi tal-investituri tagħhom bħala parti mill-proċess tal-għażla, l-investituri privati jitqiesu li huma magħżula b'mod dovut.

137. Fil-każ ta' koinvestiment minn fond pubbliku ma' investituri privati li jipparteċipaw skont it-tranżazzjoni, dawn tal-aħħar jeħtieġ li jintgħażlu permezz ta' proċess kompetittiv xieraq fir-rigward ta' kull tranżazzjoni, li huwa l-mod preferut biex tkun stabbilita l-FRR.

138. Meta l-investituri privati ma jintgħażlux permezz ta' proċess tal-għażla xieraq (pereżempju għax il-proċedura tal-għażla wriet li ma hijiex effettiva jew konklużiva), l-FRR trid tkun stabbilita minn espert indipendenti fuq il-bażi ta' analiżi ta' punti referenzjarji tas-suq u r-riskju tas-suq abbażi ta' metodoloġija standard u ġeneralment aċċettata bħall-metodoloġija ta' valutazzjoni tal-fluss tal-flus skontata sabiex jiġi evitat kumpens żejjed għall-investituri. Abbażi ta' dan, l-espert indipendenti jrid jikkalkula livell minimu ta' FRR u miegħu jżid marġini xieraq biex jirrifletti r-riskji.

139. Fis-sitwazzjonijiet deskritti fil-paragrafu 138, irid ikun hemm fis-seħħ regoli xierqa biex jinħatar l-espert indipendenti. Bħala minimu, l-espert irid ikun liċenzjat biex jipprovdi tali parir, ikun reġistrat mal-assoċjazzjonijiet professjonali rilevanti, jikkonforma mar-regoli deontoloġiċi u professjonali maħruġa minn dawk l-assoċjazzjonijiet, ikun indipendenti u jkun responsabbli għall-preċiżjoni tal-għarfien espert tiegħu. Fil-prinċipju, l-esperti indipendenti għandhom jintgħażlu permezz ta' proċess tal-għażla miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju. Is-servizzi tal-istess

espert indipendenti ma jistgħux jintużaw darbtejn mill-istess awtorità li tagħti l-għajnuna f'perjodu ta' tliet snin għad-determinazzjoni tal-FRR fil-kuntest ta' miżuri ta' għajnuna għall-finanzjament ta' riskju.

140. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, it-tfassil tal-miżura jista' jinkludi diversi investimenti pubbliċi u privati assimmetriċi bi qsim tal-profitti jew bi twaqqit assimmetriku, diment li r-redditi aġġustati għar-riskju mistennija għall-investituri privati jkunu limitati għall-FRR.

L-għażla tal-intermedjarji finanzjarji jew tal-maniġers tagħhom

141. Bħala prinċipju ġenerali, il-Kummissjoni tqis li l-allinjament ekonomiku tal-interessi bejn l-Istat Membru u tal-intermedjarji finanzjarji jew tal-maniġers tagħhom, kif xieraq, jista' jimminimizza l-għajnuna. L-interessi jridu jkunu allinjati kemm fir-rigward tal-ilħuq tal-miri ta' politika speċifiċi kif ukoll tal-prestazzjoni finanzjarja tal-investiment pubbliku fl-istrument.

142. L-intermedjarju finanzjarju jew il-maniġer ta' fond jista' jikkoinvesti flimkien mal-Istat Membru, sakemm it-termini u l-kundizzjonijiet ta' tali koinvestiment ikunu tali li jeskludu kull possibbiltà ta' kunflitt ta' interessi. Tali koinvestiment jista' jinċentiva lill-maniġer biex jallinja d-deċiżjonijiet ta' investiment tiegħu mal-miri ta' politika stabbiliti. Il-kapaċità tal-maniġer li jipprovdi investiment mir-riżorsi proprji tiegħu tista' tkun wieħed mill-kriterji tal-għażla.

143. Ir-remunerazzjoni tal-intermedjarji finanzjarji jew tal-maniġers tal-fondi, skont it-tip ta' miżura ta' finanzjament ta' riskju, trid tinkludi tariffa maniġerjali annwali, kif ukoll inċentivi bbażati fuq il-prestazzjoni, bħall-kumpens għal prestazzjoni.

144. Il-komponent tar-remunerazzjoni bbażat fuq il-prestazzjoni jrid ikun sinifikanti u maħsub biex jippremja l-prestazzjoni finanzjarja, kif ukoll l-ilħuq ta' miri ta' politika speċifiċi stabbiliti minn qabel. L-inċentivi relatati mal-politika jridu jkunu bbilanċjati mal-inċentivi bbażati fuq il-prestazzjoni finanzjarja li huma meħtieġa biex jiżguraw għażla effiċjenti ta' impriżi eliġibbli li fihom isiru l-investimenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tqis il-penali possibbli previsti fil-ftehim ta' finanzjament bejn l-Istat Membru u l-intermedjarju finanzjarju, li japplikaw f'każ li l-miri ta' politika definiti ma jintlaħqux.

145. Il-livell ta' remunerazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni jenħtieġ li jkun iġġustifikat fuq il-bażi tal-prattika tas-suq relevanti. Il-manigers iridu jiġu remunerati mhux biss għall-iżborż b'suċċess u l-ammont ta' kapital privat miġbur, iżda wkoll għar-redditi fuq l-investiment b'suċċess, bħal irċevuti ta' introjtu u rċevuti kapitali li jaqbżu ċerta rata minima ta' redditu jew rata ta' ostaklu.

146. It-total tat-tariffi ta' ġestjoni ma jridx jaqbeż il-kostijiet operazzjonali u dawk ta' ġestjoni meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-istrument finanzjarju kkonċernat, flimkien ma' profitt raġonevoli, f'konformità mal-prattika tas-suq. It-tariffi ma jridux jinkludu l-kostijiet tal-investiment.

147. Minħabba li l-intermedjarji finanzjarji jew il-maniġers tagħhom, kif xieraq, iridu jintgħażlu permezz ta' proċess miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju, l-istruttura globali tat-tariffi tista' tkun evalwata bħala parti mill-punteġġ ta' dak il-proċess tal-għażla u r-remunerazzjoni massima tista' tiġi stabbilita bħala riżultat ta' tali għażla.

148. Fil-każ ta' ħatra diretta ta' entità fdata, il-Kummissjoni tqis li t-tariffa annwali għall-ġestjoni jenħtieġ li dejjem tirrifletti l-prattika tas-suq komparabbli u fil-prinċipju ma għandhiex taqbeż it-3 % tal-kapital li għandu jiġi kkontribwit għall-entità, bl-esklużjoni tal-inċentivi bbażati fuq prestazzjoni.

4.2.4.2. Il-kundizzjonijiet għall-inċentivi fiskali

149. L-investiment totali għal kull impriża benefiċjarja ma jistax jaqbeż l-ammont massimu stabbilit mid-dispożizzjoni dwar il-finanzjament ta' riskju tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa sakemm ma jkunx jista' jiġi ġġustifikat ammont ogħla fuq il-bażi tal-falliment tas-suq identifikat fil-valutazzjoni *ex ante* u strument fiskali huwa l-aktar għodda xierqa.

150. Irrispettivament mit-tip ta' ħelsien mit-taxxa, l-ishma eliġibbli jridu jkunu ishma b'riskju sħiħ, ordinarji, maħruġin ġodda minn impriża eliġibbli kif definit fil-valutazzjoni *ex ante*, u jridu jinżammu għal mill-inqas tliet snin. Il-ħelsien jista' jkun disponibbli biss għall-investituri li huma indipendenti mill-kumpanija li jkun sar l-investiment fiha.

151. F'każ ta' ħelsien mit-taxxa fuq l-introjtu, l-investituri li jipprovdu finanzi lil impriżi eliġibbli jistgħu jirċievu ħelsien sa perċentwal raġonevoli tal-ammont investit fl-impriżi eliġibbli, sakemm l-obbligazzjoni massima ta' taxxa fuq l-introjtu tal-investitur, kif stabbilita qabel il-miżura fiskali, ma tinqabiżx. Skont l-esperjenza tal-Kummissjoni, l-impożizzjoni ta' limitu massimu fuq il-ħelsien mit-taxxa ta' 30 % tal-ammont investit hija meqjusa bħala raġonevoli. It-telf li jirriżulta mat-trasferiment tal-ishma jista' jiġi paċut kontra taxxa fuq l-introjtu.

152. Fil-każ ta' ħelsien mit-taxxa fuq id-dividendi, kwalunkwe dividend irċevut fir-rigward tal-ishma kwalifikanti jista' jkun eżentat kompletament mit-taxxa fuq l-introjtu.

153. Bl-istess mod, fil-każ ta' ħelsien mit-taxxa fuq qligħ kapitali, kwalunkwe profitt fuq il-bejgħ ta' ishma kwalifikanti jista' jkun kompletament eżenti mit-taxxa fuq il-qligħ kapitali. Barra minn hekk, l-obbligazzjoni ta' taxxa fuq il-qligħ kapitali fir-rigward tat-trasferiment tal-ishma kwalifikanti tista' tiġi differita jekk tiġi investita mill-ġdid f'ishma kwalifikanti ġodda fi żmien sena.

4.2.4.3. Il-kundizzjonijiet għall-pjattaformi ta' negozjar alternattivi

154. Sabiex tippermetti analiżi xierqa tal-proporzjonalità tal-għajnuna lill-operatur ta' pjattaforma ta' negozjar alternattiva, l-għajnuna mill-Istat tista' tingħata biex tkopri sa 50 % tal-kostijiet ta' investiment imġarrba għall-istabbiliment ta' tali pjattaforma.

155. Fil-każ ta' inċentivi fiskali lill-investituri korporattivi, il-Kummissjoni se tivvaluta l-proporzjonalità tal-miżura fl-isfond tal-kundizzjonijiet stabbiliti għall-inċentivi fiskali fit-Taqsima 4.2.4.2.

4.2.4.4. Kumulazzjoni

156. L-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju tista' tiġi kkumulata ma' kwalunkwe miżura oħra ta' għajnuna mill-Istat b'kostijiet eliġibbli li jistgħu jiġu identifikati.

157. L-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju tista' tiġi kumulata ma' miżuri oħrajn ta' għajnuna mill-Istat mingħajr kostijiet eliġibbli li jistgħu jiġu identifikati, jew ma' għajnuna *de minimis*, sal-ogħla limitu massimu tal-finanzjament totali rilevanti

stabbilit fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ permezz ta' regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija jew deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni.

158. Finanzjament mill-Unjoni, immaniġġat ċentralment mill-istituzzjonijiet, mill-aġenziji, mill-impriżi konġunti jew minn korpi oħra tal-Unjoni, li mhuwiex direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istati Membri, ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat. Meta tali finanzjament tal-Unjoni jkun ikkumbinat ma' għajnuna mill-Istat, din tal-aħħar biss se titqies biex jiġi stabbilit jekk il-limiti minimi għan-notifika u l-ammonti massimi ta' għajnuna humiex rispettati, sakemm l-ammont totali ta' finanzjament pubbliku mogħti meta mqabbel mal-istess kostijiet eliġibbli ma jkunx jaqbeż ir-rata ta' finanzjament l-aktar favorevoli stabbilita fir-regoli applikabbli tad-dritt tal-Unjoni.

4.2.5. L-evitar ta' effetti negattivi mhux dovuti tal-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ

159. Sabiex l-għajnuna tkun kompatibbli, l-effetti negattivi tal-miżura ta' għajnuna f'termini ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri jridu jkunu limitati u ma jridux jisbqu l-effetti pożittivi tal-għajnuna sa livell li jmur kontra l-interess komuni.

4.2.5.1. L-effetti pożittivi li għandhom jitqiesu

160. Kif spjegat fit-Taqsima 1, l-SMEs għadhom jaqdu rwol kruċjali fl-ekonomiji tal-Istati Membri, kemm f'termini ta' ħolqien ta' impjiegi kif ukoll ta' stimolu tad-dinamika ekonomika u tat-tkabbir. L-SMEs jimpjegaw madwar 100 miljun persuna fl-Unjoni u jammontaw għal aktar minn nofs il-PDG tal-Unjoni. Dawn huma essenzjali wkoll għall-kompetittività u għall-prosperità tal-Ewropa, għas-sovranità ekonomika u teknoloġika, u għar-reżiljenza għal xokkijiet esterni. Madankollu, biex ikunu jistgħu jaqdu r-rwol tagħhom, u biex iwasslu dawk l-effetti pożittivi, l-SMEs jeħtieġu l-finanzjament. Għalhekk, suq ta' finanzjament ta' riskju effiċjenti għall-SMEs huwa kruċjali biex il-kumpaniji intraprenditorjali jkun jista' jkollhom aċċess għall-finanzjament meħtieġ f'kull stadju tal-iżvilupp tagħhom. Fejn ikun hemm falliment tas-suq jew ostakolu rilevanti ieħor għall-operat effiċjenti ta' tali finanzjament, tista' tkun meħtieġa għajnuna għall-finanzjament ta' riskju biex jittejjeb l-għoti ta' finanzjament ta' riskju lil SMEs vijabbli mill-iżvilupp bikri tagħhom sal-istadji ta' tkabbir tagħhom (u, f'ċerti ċirkostanzi, lil impriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja u impriżi innovattivi b'kapitalizzazzjoni medja) sabiex fuq perjodu ta' żmien itwal jiżviluppa suq tal-finanzjament ta' riskju kompetittiv. F'dan l-isfond, l-effett pożittiv ewlieni li l-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju għandha l-għan li ġġib huwa li ttejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-impriżi kkonċernati.

161. Barra minn hekk, meta jiġu vvalutati l-effetti pożittivi tal-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju li għandhom jiġu ppeżati kontra l-effetti negattivi tagħha fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ, il-Kummissjoni tista' tqis, fejn rilevanti, iċ-ċirkostanza li minbarra l-kontribut tagħha biex jingħata finanzjament ta' riskju, l-għajnuna tipproduċi effetti pożittivi oħrajn. Dan jista' jkun il-każ meta jiġi stabbilit li l-investiment ta' finanzjament ta' riskju, minbarra li jippermetti lill-kumpaniji jikbru jew jiżviluppaw attivitajiet ġodda, u jiġġeneraw tkabbar ekonomiku, jikkontribwixxi sostanzjalment b'mod partikolari għat-tranżizzjoni diġitali jew għat-tranżizzjoni lejn attivitajiet ambjentalment sostenibbli, inkluż attivitajiet b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, b'newtralità klimatika jew reżiljenti għall-klima. Il-Kummissjoni se

tagħti attenzjoni partikolari lill-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852 li jistabbilixxi kriterji għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli, inkluż il-prinċipju "Tagħmilx ħsara sinifikanti", jew metodoloġiji komparabbli oħrajn.

162. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta kif xieraq l-effetti pożittivi mistennija tal-għajnuna f'termini ta' żvilupp tal-attivitajiet ikkonċernati, l-Istat Membru jenħtieġ li jistabbilixxi objettiv ċar u speċifiku (jew sensiela ta' objettivi) li jindirizza l-falliment tas-suq jew tal-ostaklu l-ieħor identifikat mill-valutazzjoni *ex ante*. Id-daqs u d-durata tal-miżura jenħtieġ li jkunu adegwati għal dawk l-objettivi. Barra minn hekk, l-Istat Membru jrid jiddefinixxi wkoll l-indikaturi tal-prestazzjoni rilevanti, abbażi tar-riżultati tal-valutazzjoni *ex ante* biex il-Kummissjoni tkun tista' tkejjel l-effetti mistennija tal-għajnuna fir-rigward tal-objettivi segwiti. L-indikaturi tal-prestazzjoni jistgħu jinkludu:

(a) l-investiment meħtieġ jew previst fis-settur privat;

(b) l-għadd mistenni ta' benefiċjarji finali li jsir investiment fihom, inkluż l-għadd ta' SMEs ġodda;

(c) l-għadd stmat ta' impriżi ġodda maħluqa matul l-implimentazzjoni tal-miżura ta' finanzjament ta' riskju u b'riżultat tal-investimenti ta' finanzjament ta' riskju;

(d) l-għadd ta' impjiegi maħluqa fl-impriżi tal-benefiċjarji finali bejn id-data tal-ewwel investiment ta' finanzjament ta' riskju taħt il-miżura ta' finanzjament ta' riskju u l-ħruġ;

(e) fejn xieraq, il-proporzjon ta' investimenti magħmula f'konformità mat-test tal-operatur tal-ekonomija tas-suq;

(f) l-istadji importanti u l-iskadenzi li fihom ċerti ammonti jew perċentwali predefiniti tal-baġit għandhom jiġu investiti;

(g) ir-redditi/ir-rendiment li mistennija jiġu ġġenerati mill-investimenti;

(h) fejn ikun xieraq, l-applikazzjonijiet għal privattivi li għandhom isiru mill-benefiċjarji finali, matul l-implimentazzjoni tal-miżura ta' finanzjament ta' riskju.

163. L-indikaturi msemmija fil-paragrafu 162 huma rilevanti biex juru li l-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju hija mistennija li tagħti l-effetti pożittivi f'konformità mal-objettivi li ġew stabbiliti. B'mod partikolari, l-indikaturi jippermettu l-valutazzjoni tal-effikaċja tal-miżura u l-validità tal-istrateġiji tal-investiment imfassla mill-intermedjarju finanzjarju fil-kuntest tal-proċess tal-għażla.

164. Fejn tintuża miżura ta' finanzjament ta' riskju, parzjalment jew kompletament, biex tappoġġa impriżi li reċentement ingħataw tikketta tal-kwalità tas-Siġill ta' Eċċellenza mill-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, jew biex tikkoinvesti mal-Fond tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni jew biex tipprovdi investiment ta' segwitu fir-rigward tal-Aċċeleraturi għall-Bidu ta' Negozju[52], il-Kummissjoni tista' taċċetta li l-Istat Membru juża l-istess Indikaturi ta' Prestazzjoni Ewlenin kif jagħmel il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni.

---

52 F'konformità mal-Artikolu 43(6) tar-Regolament Orizzont Ewropa (ara n-nota 24 f'qiegħ il-paġna).

4.2.5.2. L-effetti negattivi li jridu jitqiesu

165. Il-miżura ta' għajnuna mill-Istat trid titfassal b'tali mod li tillimita d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ fis-suq intern. Fil-każ ta' miżuri ta' finanzjament ta' riskju, l-effetti negattivi potenzjali għandhom jiġu vvalutati f'kull livell fejn l-għajnuna tista' tkun preżenti: l-investituri, l-intermedjarji finanzjarji u l-maniġers tagħhom, u l-benefiċjarji finali.

166. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-effetti x'aktarx negattivi tal-miżura fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ, l-Istat Membru jista' jippreżenta kwalunkwe studju jew evidenza rilevanti oħra għad-dispożizzjoni tiegħu, bħal evalwazzjonijiet *ex post* imwettqa għal skemi simili, f'termini tal-impriżi eliġibbli, l-istrutturi ta' finanzjament, il-parametri ta' tfassil u ż-żona ġeografika.

167. L-ewwel nett, fil-livell tas-suq għall-forniment tal-finanzjament tar-riskji, l-għajnuna mill-Istat tista' twassal għall-esklużjoni tal-investituri privati. Dan jista' jnaqqas l-inċentivi għall-investituri privati biex jipprovdu finanzjament lill-impriżi eliġibbli u jinkoraġġihom jistennew li l-Istat jipprovdi għajnuna għal tali investimenti. Dan ir-riskju jsir aktar rilevanti aktar ma jkun għoli l-ammont tal-finanzjament totali lill-benefiċjarji finali, aktar ma jkun kbir id-daqs ta' dawk l-impriżi benefiċjarji u aktar ma jkun avvanzat l-istadju ta' żvilupp tagħhom, hekk kif il-finanzjament privat isir progressivament disponibbli f'dawk iċ-ċirkostanzi. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-għajnuna mill-Istat ma tiħux post ir-riskju kummerċjali normali tal-investimenti li kieku jagħmlu l-investituri anki fin-nuqqas tal-għajnuna mill-Istat. Madankollu, sakemm il-falliment tas-suq jew l-ostaklu rilevanti l-ieħor ikun ġie definit kif suppost, huwa inqas probabbli li l-miżura ta' finanzjament ta' riskju tirriżulta f'tali esklużjoni.

168. It-tieni, fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji, l-għajnuna jista' jkollha effetti ta' distorsjoni f'termini taż-żieda jew iż-żamma tas-saħħa tal-intermedjarju fis-suq, pereżempju fis-suq ta' reġjun partikolari. Anki meta l-għajnuna ma ssaħħaħx is-saħħa tal-intermedjarju finanzjarju fis-suq direttament, din tista' tagħmel dan indirettament, billi tiskoraġġixxi l-espansjoni tal-kompetituri eżistenti, twassal għall-ħruġ tagħhom jew tiskoraġġixxi d-dħul ta' kompetituri ġodda.

169. Il-miżuri ta' finanzjament ta' riskju jridu jkunu mmirati lejn impriżi orjentati lejn it-tkabbir li ma jistgħux jattiraw livell xieraq ta' finanzjament minn riżorsi privati iżda li jistgħu jsiru vijabbli b'għajnuna mill-Istat għall-finanzjament ta' riskju. Madankollu, miżura li tipprevedi l-istabbiliment ta' fond pubbliku, li l-istrateġija ta' investiment tiegħu ma turix b'mod suffiċjenti l-vijabbiltà potenzjali tal-impriżi eliġibbli, hija improbabbli li tissodisfa t-test tal-ibbilanċjar, minħabba li f'każ bħal dan, l-investiment ta' finanzjament ta' riskju jista' jammonta għal għotja.

170. Il-kundizzjonijiet dwar il-ġestjoni kummerċjali u t-teħid ta' deċiżjonijiet orjentat lejn il-profitt stabbiliti fid-dispożizzjonijiet dwar il-finanzjament tar-riskju tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa huma essenzjali biex jiġi żgurat li l-għażla tal-impriżi benefiċjarji finali tkun ibbażata fuq loġika kummerċjali. Għalhekk, il-Kummissjoni se tqis dawk il-kundizzjonijiet meta tivvaluta miżuri ta' finanzjament ta' riskju skont dawn il-Linji Gwida, inkluż fejn il-miżura tinvolvi intermedjarji finanzjarji pubbliċi.

171. Il-fondi ta' investiment ta' skala żgħira, b'fokus reġjonali limitat u mingħajr arranġamenti adegwati ta' governanza se jiġu analizzati bl-għan li jiġi evitat ir-riskju li jinżammu strutturi tas-suq ineffiċjenti. L-iskemi ta' finanzjament ta' riskju reġjonali jista' ma jkollhomx skala u ambitu suffiċjenti, minħabba nuqqas ta' diversifikazzjoni marbuta man-nuqqas ta' numru suffiċjenti ta' impriżi eliġibbli bħala miri għall-investiment, li jistgħu jnaqqsu l-effiċjenza ta' tali fondi u jirriżultaw fl-għoti ta' għajnuna lil kumpaniji li jkunu inqas vijabbli. Dawk l-investimenti jistgħu joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni u jipprovdu vantaġġi mhux dovuti lil ċerti impriżi. Barra minn hekk, tali fondi jistgħu jkunu inqas attraenti għall-investituri privati, b'mod partikolari l-investituri istituzzjonali, minħabba li dawn jistgħu jkunu jidhru aktar bħala mezz biex jaqdu l-objettivi tal-politika reġjonali, minflok opportunità ta' negozju vijabbli li toffri redditu aċċettabbli fuq l-investiment.

172. It-tielet, fil-livell tal-benefiċjarji finali, il-miżura jista' jkollha effetti ta' distorsjoni fuq is-swieq tal-prodotti fejn dawk l-impriżi jikkompetu. Pereżempju, il-miżura tista' tfixkel il-kompetizzjoni jekk hija timmira lejn kumpaniji f'setturi b'sottoprestazzjoni. L-espansjoni sostanzjali fil-kapaċità kkawżata mill-għajnuna mill-Istat f'suq li mhux qed jagħti r-riżultati mistennija, tista' b'mod partikolari toħloq distorsjoni mhux dovuta fuq il-kompetizzjoni, peress li l-ħolqien jew iż-żamma ta' kapaċità żejda tista' twassal għal tidjiq tal-marġnijiet tal-profitt, tnaqqis tal-investimenti tal-kompetituri jew saħansitra twassal għall-ħruġ tagħhom mis-suq. Dan jista' wkoll jimpedixxi lil kumpaniji milli jidħlu fis-suq. Dan kollu jwassal għal strutturi ineffiċjenti tas-suq li, fit-tul, jaffettwaw ħażin lill-konsumaturi wkoll. Meta s-suq fis-setturi mmirati jkun qiegħed jikber, normalment ikun hemm inqas raġuni sabiex wieħed jinkwieta li l-għajnuna se taffettwa b'mod negattiv l-inċentivi dinamiċi jew li se timpedixxi l-ħruġ jew id-dħul b'mod mhux dovut. Il-Kummissjoni tqis li r-riskju ta' tali distorsjonijiet huwa sostanzjali meta l-miżura ta' finanzjament ta' riskju tkun speċifika għas-settur, jew tagħti preferenza lil ċerti setturi fuq oħrajn. F'tali każijiet, il-Kummissjoni se tanalizza l-livell ta' kapaċitajiet tal-produzzjoni fis-settur partikolari, fid-dawl tad-domanda potenzjali. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq tali valutazzjoni, l-Istat Membru jrid jindika fin-notifika tiegħu jekk il-miżura ta' finanzjament ta' riskju hijiex speċifika għas-settur, jew tagħtix preferenza lil ċerti setturi fuq oħrajn.

173. Il-Kummissjoni se tivvaluta wkoll kwalunkwe effett negattiv potenzjali ta' delokalizzazzjoni peress li dawn jistgħu jaffettwaw il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni se tanalizza jekk il-fondi reġjonali għandhomx il-probabbiltà li jinċentivaw id-delokalizzazzjoni fi ħdan is-suq intern. Meta l-attivitajiet tal-intermedjarju finanzjarju jkunu ffukati fuq reġjun mhux assistit li jmiss ma' reġjuni assistiti, jew reġjun b'intensità ta' għajnuna reġjonali ogħla mir-reġjun fil-mira, ir-riskju ta' tali distorsjoni huwa aktar qawwi. Miżura ta' finanzjament ta' riskju reġjonali li tiffoka biss fuq ċerti setturi jista' jkollha wkoll effetti negattivi ta' delokalizzazzjoni.

174. Finalment, bħala parti mill-valutazzjoni tal-effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ, il-Kummissjoni tista' tqis, fejn rilevanti, esternalitajiet negattivi tal-attività megħjuna fejn tali esternalitajiet jaffettwaw b'mod negattiv il-kompetizzjoni u l-

kummerċ bejn l-Istati Membri sa punt li jmur kontra l-interess komuni billi joħolqu jew jaggravaw l-ineffiċjenzi tas-suq[53].

4.2.5.3. L-ibbilanċjar tal-effetti pożittivi kontra l-effetti negattivi tal-għajnuna

175. Bħala pass finali fl-analiżi tagħha, il-Kummissjoni se tibbilanċja l-effetti negattivi identifikati tal-miżura ta' għajnuna f'termini ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri kontra l-effetti pożittivi tal-għajnuna, u tikkonkludi dwar il-kompatibbiltà tal-miżura ta' għajnuna mas-suq intern biss jekk l-effetti pożittivi jegħlbu lil dawk negattivi.

176. Il-bilanċ kumplessiv ta' ċerti kategoriji ta' skemi ta' għajnuna jista' jiġi soġġett ukoll għal rekwiżit ta' evalwazzjoni *ex post* kif deskritt fit-Taqsima 5. F'tali każijiet, il-Kummissjoni tista' tillimita d-durata ta' dawk l-iskemi, bil-possibbiltà li terġa' tinnotifika l-estensjoni tagħhom wara.

4.2.6. Trasparenza

177. Bħala salvagwardja addizzjonali kontra distorsjonijiet mhux dovuti tal-kompetizzjoni, l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-operaturi ekonomiċi u l-pubbliku, irid ikollhom aċċess faċli għall-atti u għall-informazzjoni kollha rilevanti dwar l-għajnuna li tingħata hawnhekk.

178. L-Istati Membri jridu jippubblikaw l-informazzjoni li ġejja fil-modulu tal-għoti tat-trasparenza[54] tal-Kummissjoni Ewropea jew fuq sit web komprensiv dwar l-għajnuna mill-Istat, fuq livell nazzjonali jew reġjonali:

a. it-test sħiħ tad-deċiżjoni dwar l-għoti tal-għajnuna individwali jew tal-iskema ta' għajnuna approvata u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha, jew ħolqa għalih;

b. informazzjoni dwar kull għotja ta' għajnuna individwali li taqbeż il-EUR 100 000, kif stabbilit fl-Anness.

179. L-Istati Membri jridu jorganizzaw is-siti web komprensivi tagħhom dwar l-għajnuna mill-Istat, kif imsemmi fil-paragrafu 178, b'tali mod li l-informazzjoni tkun tista' tiġi aċċessata faċilment. L-informazzjoni trid tiġi ppubblikata f'format ta' *data* ta' spreadsheet nonproprjetarju, li jippermetti li d-*data* tiġi mfittxija, estratta u mniżżla b'mod effettiv u ppubblikata faċilment fuq l-Internet, pereżempju f'format CSV jew XML. Il-pubbliku ġenerali jrid jitħalla jaċċessa s-sit web mingħajr ebda restrizzjoni, inkluż reġistrazzjoni tal-utent minn qabel.

180. Għall-iskemi fil-forma ta' inċentivi fiskali, il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 178, il-punt (b) se jitqiesu ssodisfati jekk l-Istati Membri jippubblikaw l-informazzjoni meħtieġa dwar l-ammonti tal-għajnuna individwali fil-meded li ġejjin (f'miljuni ta' EUR):

0,1-0,5;

[53] Dan jista' jkun ukoll il-każ fejn l-għajnuna tfixkel it-tħaddim ta' strumenti ekonomiċi stabbiliti biex jinternalizzaw tali esternalitajiet negattivi (eż. billi taffettwa s-sinjali tal-prezzijiet mogħtija mill-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet jew strument simili).

[54] "Tiftix Pubbliku dwar it-Trasparenza tal-Għajnuna mill-Istat", disponibbli fuq is-sit web li ġej: https://webgate.ec.europa.eu/competition/transparency/public?lang=mt.

0,5-1;

1-2;

2-5;

5-10;

10-30;

30-60;

60-100;

100-250; u

250 u aktar.

181. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 178**Error! Reference source not found.**, il-punt (b), trid tiġi ppubblikata fi żmien sitt xhur mid-data li fiha tkun ingħatat l-għajnuna jew, għall-għajnuna fil-forma ta' inċentivi fiskali, fi żmien sena mid-data meta hija dovuta d-dikjarazzjoni tat-taxxa[55]. Għal għajnuna li hija illegali iżda li sussegwentement tinstab kompatibbli, l-Istati Membri jridu jippubblikaw l-informazzjoni fi żmien sitt xhur mid-data tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-għajnuna bħala kompatibbli. Sabiex tippermetti l-infurzar tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat skont it-Trattat, l-informazzjoni trid tibqa' disponibbli għal mill-inqas għaxar snin mid-data li fiha tkun ingħatat l-għajnuna.

182. Il-Kummissjoni se tippubblika fuq is-sit web tagħha l-link għas-sit web dwar l-għajnuna mill-Istat li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 178.

5. EVALWAZZJONI

183. Sabiex ikompli jiġi żgurat li d-distorsjoni tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ tkun limitata, il-Kummissjoni tista' titlob li l-iskemi ta' għajnuna, kif imsemmi fil-paragrafu 184, jiġu soġġetti għal evalwazzjoni *ex post*. L-evalwazzjonijiet se jsiru għall-iskemi fejn id-distorsjoni potenzjali tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ tkun partikolarment għolja, jiġifieri, li jista' jkun hemm riskju ta' restrizzjoni jew ta' distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni jekk l-implimentazzjoni ma tiġix riveduta fi żmien dovut.

184. Tista' tkun meħtieġa evalwazzjoni *ex post* għall-iskemi ta' għajnuna li ġejjin:

(a) skemi b'baġits ta' għajnuna kbar;

(b) skemi b'enfasi reġjonali;

(c) skemi b'enfasi settorjali stretta;

(d) skemi li huma mmodifikati, fejn il-modifika taffettwa l-kriterji tal-eliġibbiltà, l-ammont ta' investiment jew il-parametri ta' tfassil finanzjarju;

(e) skemi li fihom karatteristiċi ġodda;

[55] F'każ li ma jkunx jeżisti rekwiżit formali għal dikjarazzjoni annwali, għal finijiet ta' kkowdjar, id-data tal-għoti se titqies bħala l-31 ta' Diċembru tas-sena li fiha tkun ingħatat l-għajnuna.

(f) skemi fejn il-Kummissjoni titlob dan fid-deċiżjoni li tapprova l-miżura, fid-dawl tal-effetti negattivi potenzjali tagħha fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ.

185. Fi kwalunkwe każ, l-evalwazzjoni se tkun meħtieġa għal skemi b'baġit tal-għajnuna mill-Istat jew nefqa kontabbilizzata ta' aktar minn EUR 150 miljun fi kwalunkwe sena partikolari jew ta' EUR 750 miljun matul id-durata totali tagħhom, jiġifieri, id-durata kombinata tal-iskema u ta' kwalunkwe skema ta' qabel li tkopri objettiv u żona ġeografika simili, li tibda mill-1 ta' Jannar 2022. Minħabba l-objettivi tal-evalwazzjoni, u biex jiġi evitat li jitqiegħed piż sproporzjonat fuq l-Istati Membri, evalwazzjonijiet *ex post* se jkunu meħtieġa biss għal skemi ta' għajnuna li d-durata totali tagħhom taqbeż it-tliet snin, li tibda mill-1 ta' Jannar 2022.

186. Ir-rekwiżit tal-evalwazzjoni *ex post* jista' jiġi eżentat fil-każ ta' skemi ta' għajnuna li huma suċċessur immedjat ta' skema li tkopri objettiv u żona ġeografika simili li kienet soġġetta għal evalwazzjoni, li r-rapport ta' evalwazzjoni finali tagħha kien f'konformità mal-pjan ta' evalwazzjoni approvat mill-Kummissjoni u ma ġġenerat l-ebda sejba negattiva. Fejn ir-rapport ta' evalwazzjoni finali ta' skema ma jkunx konformi mal-pjan ta' evalwazzjoni approvat, dik l-iskema trid tiġi sospiża b'effett immedjat.

187. L-għan tal-evalwazzjoni jenħtieġ li jkun li jiġi verifikat jekk is-suppożizzjonijiet u l-kundizzjonijiet sottostanti għall-kompatibbiltà tal-iskema ntlaħqux, b'mod partikolari l-ħtieġa u l-effikaċja tal-miżura ta' għajnuna fid-dawl tal-objettivi tagħha. Din jenħtieġ li tivvaluta wkoll l-impatt tal-miżura ta' finanzjament ta' riskju fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ.

188. Għal skemi ta' għajnuna soġġetti għar-rekwiżit ta' evalwazzjoni skont il-paragrafi 184 u 185 u d-durata totali li taqbeż it-tliet snin, li tibda mill-1 ta' Jannar 2022, l-Istati Membri jridu jinnotifikaw abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni, li se jifforma parti integrali mill-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-iskema, kif ġej:

(a) flimkien mal-iskema ta' għajnuna, jekk il-baġit tiegħu għall-għajnuna mill-Istat jaqbeż il-EUR 150 miljun f'xi sena partikolari jew is-EUR 750 miljun tul id-durata kollha tiegħu;

(a) fi żmien 30 jum ta' xogħol wara bidla sinifikanti li permezz tagħha l-baġit tal-iskema jiżdied għal aktar minn EUR 150 miljun f'xi sena partikolari jew EUR 750 miljun tul id-durata kollha tal-iskema;

(b) fi żmien 30 jum ta' xogħol wara r-reġistrazzjoni tan-nefqa fil-kontijiet uffiċjali li taqbeż il-EUR 150 miljun fi kwalunkwe sena;

(c) flimkien mal-iskema ta' għajnuna, jekk l-iskema taqa' fi ħdan waħda mill-kategoriji previsti fil-paragrafu 184 u l-Kummissjoni titlob l-evalwazzjoni tagħha, irrispettivament mill-baġit tal-għajnuna mill-Istat tal-iskema.

189. L-abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni jrid ikun f'konformità mal-prinċipji metodoloġiċi komuni pprovduti mill-Kummissjoni[56]. L-Istati Membri jridu jippubblikaw il-pjan ta' evalwazzjoni approvat mill-Kummissjoni.

190. L-evalwazzjoni *ex post* trid issir minn espert li jkun indipendenti mill-awtorità awtorizzanti tal-għajnuna fuq il-bażi tal-pjan ta' evalwazzjoni. Kull evalwazzjoni trid tinkludi mill-inqas rapport ta' evalwazzjoni interim wieħed u wieħed finali. L-Istati Membri jridu jippubblikaw iż-żewġ rapporti.

191. Ir-rapport ta' evalwazzjoni finali jrid jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni fi żmien xieraq, biex tkun tista' tiġi vvalutata kwalunkwe estensjoni tal-iskema ta' għajnuna u mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tiskadi. Dak il-perjodu jista' jitnaqqas għal skemi li jiskattaw ir-rekwiżit ta' evalwazzjoni fl-aħħar sentejn ta' implimentazzjoni tagħhom. L-ambitu u l-arranġamenti preċiżi ta' kull evalwazzjoni jiġu definiti fid-deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-iskema ta' għajnuna. In-notifika ta' kwalunkwe miżura ta' għajnuna sussegwenti b'objettiv simili trid tiddeskrivi b'liema mod ġew meqjusin ir-riżultati tal-evalwazzjoni.

6. DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

6.1. Id-data tal-applikabbiltà

192. Il-Kummissjoni se tapplika l-prinċipji stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju kollha notifikabbli mogħtija jew li hija maħsuba biex tingħata mill-1 ta' Jannar 2022.

193. L-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju mogħtija b'mod illegali qabel l-1 ta' Jannar 2022 se tiġi vvalutata f'konformità mar-regoli fis-seħħ fid-data li fiha tingħata l-għajnuna.

194. Sabiex jiġu ppreservati l-aspettattivi leġittimi tal-investituri privati, fil-każ ta' skemi ta' finanzjament ta' riskju li jipprevedu l-finanzjament pubbliku għall-appoġġ għall-finanzjament ta' riskju, id-data tal-impenn tal-finanzjament pubbliku lill-intermedjarji finanzjarji, li hija d-data tal-firma tal-ftehim ta' finanzjament, tiddetermina l-applikabbiltà tar-regoli għall-miżura ta' finanzjament ta' riskju.

6.2. Miżuri xierqa

195. Il-Kummissjoni tqis li l-implimentazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida se twassal għal ċerti bidliet fil-prinċipji ta' valutazzjoni għall-għajnuna ta' finanzjament ta' riskju fl-Unjoni. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tipproponi lill-Istati Membri dawn il-miżuri xierqa li ġejjin skont l-Artikolu 108(1) tat-Trattat:

(a) L-Istati Membri jenħtieġ li jemendaw, fejn meħtieġ, l-iskemi eżistenti tagħhom tal-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju, sabiex jinġiebu f'konformità ma' dawn il-Linji Gwida, fi żmien sitt xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn tal-aħħar;

(b) L-Istati Membri huma mistiedna jagħtu l-qbil espliċitu u mingħajr kundizzjoni tagħhom għal dawn il-miżuri xierqa proposti fi żmien xahrejn mid-data tal-

[56] Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni, Metodoloġija komuni għall-evalwazzjoni tal-għajnuna mill-Istat, Brussell, 28.5.2014, SWD(2014) 179 final.

pubblikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida. Fin-nuqqas ta' tweġiba, il-Kummissjoni se tassumi li l-Istat Membru inkwistjoni ma jaqbilx mal-miżuri proposti.

196. Sabiex jiġu ppreservati l-aspettattivi leġittimi tal-investituri privati, l-Istati Membri ma għandhomx għalfejn jieħdu miżuri xierqa fir-rigward ta' skemi ta' għajnuna għall-finanzjament ta' riskju favur l-SMEs meta l-impenn tal-finanzjament pubbliku għall-intermedjarji finanzjarji, li hija d-data tal-iffirmar tal-ftehim ta' finanzjament, ikun sar qabel id-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u l-ebda kundizzjoni prevista fil-ftehim ta' finanzjament ma tinbidel. Dawk l-intermedjarji finanzjarji jistgħu jkomplu joperaw u jinvestu f'konformità mal-istrateġija ta' investiment oriġinali tagħhom sa tmiem id-durata stabbilita fil-ftehim ta' finanzjament.

6.3. Rapportar u monitoraġġ

197. F'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2015/1589[57], u mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004[58], l-Istati Membri jridu jippreżentaw rapporti annwali lill-Kummissjoni.

198. L-Istati Membri jridu jżommu rekords dettaljati rigward il-miżuri ta' għajnuna kollha. Tali rekords iridu jinkludu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġi stabbilit li l-kundizzjonijiet li jirrigwardaw l-eliġibbiltà u l-ammonti massimi ta' investiment ġew issodisfati. Dawn ir-reġistri jridu jinżammu għal għaxar snin mid-data tal-għoti tal-għajnuna u meta jintalbu jridu jiġu pprovduti lill-Kummissjoni.

6.4. Reviżjoni

199. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tirrieżamina jew li tibdel dawn il-Linji Gwida fi kwalunkwe waqt jekk dan ikun meħtieġ għal raġunijiet marbuta mal-politika tal-kompetizzjoni tal-Unjoni jew sabiex jitqiesu politiki tal-Unjoni oħrajn u impenji internazzjonali, żviluppi fis-swieq, jew għal kwalunkwe raġuni oħra ġġustifikata.

---

57 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).

58 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

Anness – Informazzjoni dwar it-trasparenza

L-informazzjoni dwar għotjiet individwali msemmija fil-paragrafu 178 fil-punt (b) hija din li ġejja:

- L-identità tal-benefiċjarju tal-għajnuna individwali ([59]):
  - Isem
  - L-identifikatur tal-benefiċjarju tal-għajnuna
- It-tip ta' impriża benefiċjarja tal-għajnuna fiż-żmien tal-applikazzjoni:
  - SME
  - Intrapriża kbira
- Ir-reġjun li fih jinsab il-benefiċjarju tal-għajnuna, fil-livell II tan-NUTS jew inqas
- Is-settur jew l-attività prinċipali tal-benefiċjarju tal-għajnuna għall-għajnuna partikolari, identifikata mill-grupp NACE (kodiċi numeriku bi tliet ċifri) ([60])
- Element ta' għajnuna espress bis-sħiħ fil-munita nazzjonali
- Meta jkun differenti mill-element ta' għajnuna, l-ammont nominali tal-għajnuna, espress bis-sħiħ fil-munita nazzjonali ([61])
- L-istrument tal-għajnuna ([62]):
  - Għotja/Sussidju tar-rata tal-imgħax/Tħassir tad-dejn
  - Self/Ħlas lura ta' self bil-quddiem/Għotja rimborsabbli
  - Garanzija
  - Benefiċċju fuq it-taxxa jew eżenzjoni mit-taxxa
  - Finanzjament ta' riskju
  - Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika)
- Id-data tal-għoti u d-data tal-pubblikazzjoni
- Objettiv tal-għajnuna
- L-identità tal-awtorità jew tal-awtoritajiet awtorizzanti
- Fejn applikabbli, l-isem tal-entità fdata, u l-ismijiet tal-intermedjarji finanzjarji magħżula
- Referenza tal-miżura ta' għajnuna[63]

---

59 Bl-eċċezzjoni ta' sigrieti kummerċjali u informazzjoni kunfidenzjali oħra f'każijiet debitament ġustifikati u soġġett għall-qbil tal-Kummissjoni (Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C(2003) 4582 tal-1 ta' Diċembru 2003 dwar is-segretezza professjonali f'deċiżjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat (ĠU C 297, 9.12.2003, p. 6).

60 Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni ta' l-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi ta' l-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

61 Ekwivalenti ta' għotja gross, jew fejn applikabbli, l-ammont tal-investiment. Fil-każ ta' għajnuna operatorja, jista' jingħata l-ammont annwali ta' għajnuna għal kull benefiċjarju. Fil-każ ta' skemi fiskali dan l-ammont jista' jingħata skont il-meded stabbiliti fil-paragrafu 180. L-ammont li għandu jiġi ppubblikat huwa l-ogħla benefiċċju tat-taxxa permess u mhux l-ammont imnaqqas ta' kull sena (eż. fil-kuntest ta' kreditu ta' taxxa għandu jiġi ppubblikat l-ogħla kreditu ta' taxxa permess u mhux l-ammont effettiv li jista' jiddependi fuq id-dħul taxxabbli u li jista' jvarja kull sena).

62 Jekk l-għajnuna tingħata permezz ta' diversi strumenti ta' għajnuna, għandu jingħata l-ammont tal-għajnuna għal kull strument.

63 Kif previst mill-Kummissjoni skont il-proċedura ta' notifika msemmija fit-Taqsima 3.